

Brussell, 16 ta' Marzu 2022
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0205(COD)

10884/1/21
REV 1

TRANS 479
AVIATION 207
ENV 530
ENER 331
IND 201
COMPET 558
ECO 80
RECH 355
CODEC 1101
CLIMA 197
RELEX 674

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2021) 561 final/2
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar l-iżgurar ta' kundizzjonijiet ekwi għal trasport bl-ajru sostenibbli

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument COM(2021) 561 final/2.

Mehmuż: COM(2021) 561 final/2



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 14.7.2021
COM(2021) 561 final/2

2021/0205 (COD)

CORRIGENDUM

This document corrects document COM(2021) 561 final of 14.7.2021

Addition of the missing Legislative Financial Statement

The text shall read as follows:

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar l-iżgurar ta' kundizzjonijiet ekwi għal trasport bl-ajru sostenibbli

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

{SEC(2021) 561 final} - {SWD(2021) 633 final} - {SWD(2021) 634 final}

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Suq intern tal-avjazzjoni kompetittiv u li jiffunzjona tajjeb huwa essenzjali għall-mobbiltà ta' ċittadini Ewropej u għall-ekonomija Ewropea kollha kemm hi. Fl-2018, l-industrija tal-avjazzjoni u tal-ajrunawtika impjegaw madwar 0,4 miljun persuna direttament fl-UE¹ u fl-2017 ikkontribwew għall-PDG tal-UE b' madwar 2,1 %². L-avjazzjoni hija xprunatur b' saħħtu għall-koeżjoni soċjali u reġionali li tagħti spinta lit-turiżmu, tistimula n-negozju u tgħaqqad lin-nies. Fl-2018³, aktar minn 1,2 biljun passiġġier taru minn u lejn aktar minn 500 ajruport fl-Ewropa. Is-settur tal-avjazzjoni tal-UE jikkontribwixxi għall-integrazzjoni Ewropea u jsaħħaħ il-pożizzjoni tal-UE bħala mexxej ġeopolitiku.

Il-konnettività bl-ajru hija xprunatur essenzjali tal-mobbiltà għaċ-ċittadini tal-UE, tal-iżvilupp għar-reġjuni tal-UE u tat-tkabbir għall-ekonomija kollha kemm hi. Livelli għoljin ta' konnettività bl-ajru fl-UE, kif ukoll lejn l-UE u minnha, huma żgurati bl-aħjar mod meta s-suq tat-trasport bl-ajru tal-UE jopera b' kundizzjonijiet ekwi, fejn l-atturi kollha tas-suq ikunu jistgħu joperaw abbażi ta' opportunitajiet indaqs. Meta jseħħu, id-distorsjonijiet tas-suq jippreżentaw ir-riskju li jpoġġu lill-operaturi tal-inġenji tal-ajru jew lill-ajruporti fi żvantaġġ fil-konfront tal-kompetituri. Min-naħa tiegħu, dan jista' jirriżulta f' telf ta' kompetittività tal-industrija, u f' telf ta' konnettività bl-ajru għaċ-ċittadini u n-negozji.

B' mod partikolari, huwa essenzjali li jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi fis-suq tat-trasport bl-ajru tal-UE, fir-rigward tal-użu tal-fjuwil tal-avjazzjoni. Fil-fatt, il-fjuwil tal-avjazzjoni jammonta għal sehem sostanzjali mill-kostijiet tal-operaturi tal-inġenji tal-ajru, jiġifieri sa 25 % tal-kostijiet operazzjonali. Il-varjazzjonijiet fil-prezz tal-fjuwil tal-avjazzjoni jista' jkollhom impatti importanti fuq il-prestazzjoni ekonomika tal-operaturi tal-inġenji tal-ajru. Barra minn hekk, id-differenzi fil-prezz tal-fjuwil tal-avjazzjoni bejn il-postijiet ġeografiċi, kif inhu l-każ bħalissa bejn l-ajruporti tal-UE jew bejn l-ajruporti tal-UE u dawk mhux tal-UE, jistgħu jwasslu lill-operaturi tal-inġenji tal-ajru jadattaw l-istrateġiji ta' riforniment tagħhom minħabba raġunijiet ekonomiċi.

Prattiki bħat-“tankering tal-fjuwil” iseħħu meta l-operaturi tal-inġenji tal-ajru jippumpjaw aktar fjuwil tal-avjazzjoni milli meħtieġ f' ajruport partikolari, bil-għan li jevitaw ir-riforniment parzjali jew sħiħ tal-fjuwil f' ajruport tad-destinazzjoni fejn il-fjuwil tal-avjazzjoni jkun aktar għali. It-tankering tal-fjuwil iwassal għal konsum akbar tal-fjuwil milli meħtieġ, u b' hekk għal emissjonijiet ogħla, u jdghajef il-kompetizzjoni ġusta fis-suq tat-trasport bl-ajru tal-Unjoni. Minbarra li jmur kontra l-isforzi tal-Unjoni għad-dekarbonizzazzjoni tal-avjazzjoni, it-tankering tal-fjuwil huwa ta' detriment ukoll għal kompetizzjoni b' saħħitha bejn l-atturi tas-suq tal-avjazzjoni. Bl-introduzzjoni u ż-żieda ta' fjuwils tal-avjazzjoni sostenibbli fl-ajruporti tal-Unjoni, il-prattiki tat-tankering tal-fjuwil jistgħu jiġu aggravati bħala riżultat

¹ Eurostat (Ifsa_egan22d).

² Sors: SWD(2017) 207 final.

³ Sors: Eurostat; L-impjiegi indiretti ġġenerati mit-trasport bl-ajru jistgħu jilhqqu sa tliet darbiet aktar minn dawk diretti (il-Kummissjoni Ewropea, 2015).

ta' żieda fil-kostijiet tal-fjuwil tal-avjazzjoni. Għalhekk, fir-rigward tat-tankering tal-fjuwil, dan ir-Regolament għandu l-għan li jerġa' jistabilixxi u jippreserva kundizzjonijiet ekwi fis-settur tat-trasport bl-ajru, filwaqt li fl-istess ħin jevita kwalunkwe effett ambjentali negattiv.

F'Diċembru tal-2020, il-Kummissjoni adottat l-Istrateġija Komprensiva għal Mobilità Sostenibbli u Intelligenti⁴. Din l-istrateġija tistabilixxi l-oġettiv li tingħata spinta lill-użu ta' fjuwils tal-avjazzjoni sostenibbli. Il-fjuwils tal-avjazzjoni sostenibbli għandhom il-potenzjal li jagħtu kontribut kbir għall-ilħuq tal-mira klimatika akbar tal-UE għall-2030 u l-oġettiv tan-newtralità klimatika tal-UE. Għall-fini ta' din l-inizjattiva, fjuwils tal-avjazzjoni sostenibbli tfisser fjuwils likwidi ta' sostituzzjoni li jistgħu jiġu sostitwiti bi fjuwil tal-avjazzjoni konvenzjonali. Sabiex inaqqas b'mod sinifikanti l-emissjonijiet tiegħu, is-settur tal-avjazzjoni jeħtieġ li jnaqqas id-dipendenza esklużiva attwali tiegħu mill-fjuwil fossili tal-ġettijiet u jaċċellera t-tranżizzjoni tiegħu għal tipi innovattivi u sostenibbli ta' fjuwils u teknoloġiji. Filwaqt li teknoloġiji alternattivi ta' propulsjoni għall-inġenji tal-ajru bħal dawk li jaħdmu bl-elettriku jew bl-idroġenu qed jagħmlu avvanzati promettenti, l-introduzzjoni tagħhom għall-użu kummerċjali se teħtieġ sforz u żmien konsiderevoli biex titħejja. Minħabba li t-trasport bl-ajru jeħtieġ li jindirizza l-impronta tal-karbonju tiegħu fil-meded kollha tat-titjir diġà sal-2030, ir-rwol tal-fjuwils likwidi tal-avjazzjoni sostenibbli se jkun essenzjali. Għal din ir-raġuni, huma meħtieġa wkoll miżuri biex jiżdiedu l-provvista u l-użu ta' fjuwils tal-avjazzjoni sostenibbli fl-ajruporti tal-Unjoni.

Filwaqt li diversi perkorsi ta' fjuwils tal-avjazzjoni sostenibbli huma ċċertifikati biex jintużaw fl-avjazzjoni, l-użu tagħhom bħalissa huwa negliġibbli, minħabba nuqqas ta' produzzjoni bi prezz raġonevoli. Huwa meħtieġ mandat ta' taħlit li jimmira speċifikament lejn is-settur tal-avjazzjoni, sabiex tingħata spinta lill-adozzjoni mis-suq tal-aktar teknoloġiji tal-fjuwil innovattivi u sostenibbli. Dan jippermetti li maż-żmien tiżdied il-kapaċità tal-produzzjoni u jitnaqqsu l-kostijiet tal-produzzjoni. Minħabba li l-fjuwils tal-avjazzjoni sostenibbli jenħtieġ li jammontaw għal mill-inqas 5 % tal-fjuwils tal-avjazzjoni sal-2030 u 63 % sal-2050, huwa essenzjali li t-teknoloġiji tal-fjuwil appoġġati skont dan ir-Regolament ikollhom l-akbar potenzjal f'termini ta' innovazzjoni, dekarbonizzazzjoni u disponibbiltà. Din hija kundizzjoni sine qua non sabiex tissodisfa d-domanda futura għall-avjazzjoni u tikkontribwixxi għall-ilħuq tal-oġettivi ta' dekarbonizzazzjoni. Dan jenħtieġ li jkopri b'mod partikolari l-bijofjuwils avvanzati u l-fjuwils tal-avjazzjoni sintetiċi. B'mod partikolari, il-fjuwils tal-avjazzjoni sintetiċi għandhom il-potenzjal li jiksibu tnaqqis fl-emissjonijiet li jkun jilħaq sa 85 % jew aktar meta mqabbel mal-fjuwils fossili tal-avjazzjoni. Meta jiġi prodott mill-elettriku rinnovabbli u mill-karbonju li jinqabad direttament mill-arja, it-tnaqqis potenzjali fl-emissjonijiet meta mqabbel mal-fjuwil tal-avjazzjoni fossili jista' jilħaq il-100 %. Bħala tali, il-fjuwils tal-avjazzjoni sintetiċi għandhom l-akbar potenzjal għad-dekarbonizzazzjoni tal-fjuwils kollha kkunsidrati fl-ambitu ta' din l-inizjattiva. Il-proċess tal-produzzjoni tagħhom huwa wkoll partikolarment effiċjenti fir-riżorsi, b'mod partikolari fir-rigward tal-użu tal-ilma, meta mqabbel mal-produzzjoni ta' perkorsi sostenibbli oħra tal-fjuwils tal-avjazzjoni. Filwaqt li l-fjuwils tal-avjazzjoni sintetiċi jistgħu jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għad-dekarbonizzazzjoni tas-settur, il-miġja tagħhom fis-suq f'volumi mdaqqa sal-2030 ma hijiex

⁴ Sors: https://ec.europa.eu/transport/themes/mobilitystrategy_mt

probabbli fin-nuqqas ta' appoġġ politiku ddedikat. Fil-fatt, il-kostijiet tal-produzzjoni tal-fjuwils tal-avjazzjoni sintetiċi bħalissa huma stmata għal bejn tlieta u sitt darbiet ogħla mill-prezz tas-suq attwali tal-fjuwils fossili tal-avjazzjoni. Peress li l-fjuwils tal-avjazzjoni sintetiċi huma mistennija jkollhom rwol fid-dekarbonizzazzjoni tas-settur diġà sal-2030, u jenħtieġ li jikkontribwixxu għal mill-inqas 28 % tat-taħlita tal-fjuwil tal-avjazzjoni sal-2050, għalhekk jeħtieġ li dan ir-Regolament jistabbilixxi obbligu sekondarju ddedikat, li jixpruna l-introduzzjoni tagħhom fis-suq. Dan huwa mistenni parzjalment ineħħi r-riskju tal-investimenti fil-kapaċità tal-produzzjoni tal-fjuwils tal-avjazzjoni sintetiċi u jippermetti żieda fil-kapaċità tal-produzzjoni.

Minħabba raġunijiet ta' sostenibbiltà, il-bijofjuwils tal-ewwel ġenerazzjoni bħall-bijofjuwils ibbażati fuq l-għalf, l-ikel u l-għelejjel, li għandhom potenzjal limitat ta' skalabbiltà u li jqajmu tħassib dwar is-sostenibbiltà, jenħtieġ li ma jiġux appoġġati. Il-bidla indiretta fl-użu tal-art isseħħ meta l-kultivazzjoni tal-għelejjel għall-bijofjuwils tieħu post il-produzzjoni tradizzjonali tal-għelejjel għal skopijiet ta' ikel u għalf. Tali domanda addizzjonali żżid il-pressjoni fuq l-art u tista' twassal għall-estensjoni tal-art agrikola f'żoni b'ħażna kbira ta' karbonju, bħal foresti, artijiet mistagħdra u torbieri, li tikkawża emissjonijiet addizzjonali ta' gassijiet serra. Ir-riċerka wriet li l-iskala tal-effett tiddependi minn varjetà ta' fatturi, inklużi t-tip ta' materja prima użata għall-produzzjoni tal-fjuwil, il-livell ta' domanda addizzjonali għall-materja prima kkawżata mill-użu tal-bijofjuwils u sa liema punt l-art b'ħażna kbira ta' karbonju hija protetta madwar id-dinja. L-akbar riskji ta' tibdil indirett fl-użu tal-art ġew identifikati għall-bijofjuwils prodotti minn materja prima li għalihom ġiet osservata espansjoni sinifikanti taż-żona tal-produzzjoni f'art b'ħażna kbira ta' karbonju. Minbarra l-emissjonijiet ta' gassijiet serra marbuta mat-tibdil indirett fl-użu tal-art – li huwa kapaċi jfixkel xi tnaqqis jew it-tnaqqis kollu fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra ta' bijofjuwils individwali, it-tibdil indirett fl-użu tal-art joħloq riskji wkoll għall-bijodiversità. Dan ir-riskju huwa partikolarment serju b'rabta ma' espansjoni potenzjalment kbira tal-produzzjoni ddeterminata minn żieda sinifikanti fid-domanda. Għaldaqstant, il-fjuwils ibbażati fuq l-għelejjel tal-għalf u tal-ikel jenħtieġ li ma jiġux promossi. Dan l-approċċ huwa konformi mal-qafas ta' politika rilevanti tal-Unjoni, li għandu t-tendenza li jillimita jew saħansitra li jelimina gradwalment l-użu ta' bijofjuwils ibbażati fuq l-għelejjel, minħabba raġunijiet ambjentali. Dan huwa partikolarment il-każ fid-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli, li tillimita l-użu ta' bijofjuwils ibbażati fuq l-għelejjel minħabba l-benefiċċji ambjentali limitati tagħhom, il-potenzjal limitat ta' tnaqqis ta' gassijiet serra, u l-fatt li tali bijofjuwils huma f'kompetizzjoni diretta mas-setturi tal-ikel u tal-għalf għall-aċċess għall-materja prima. In-nuqqas ta' inklużjoni ta' bijofjuwils ibbażati fuq l-għelejjel jenħtieġ ukoll li jkollu l-għan li jevita r-riskju ta' ċaqliq tal-bijofjuwils mis-settur tat-toroq lejn it-trasport bl-ajru, peress li dan jista' jnaqqas id-dekarbonizzazzjoni tat-trasport bit-triq, li bħalissa għadu bil-bosta l-aktar mod ta' trasport li jniġġes. Is-settur tal-avjazzjoni bħalissa għandu livelli insinifikanti ta' domanda għall-bijofjuwils ibbażati fuq l-għelejjel tal-ikel u tal-għalf, peress li aktar minn 99 % tal-fjuwils tal-avjazzjoni użati bħalissa huma ta' oriġini fossili. Għalhekk huwa xieraq li jiġi evitat il-ħolqien ta' domanda potenzjalment kbira ta' bijofjuwils ibbażati fuq l-għelejjel tal-ikel u tal-għalf billi jiġi promoss l-użu tagħhom skont dan ir-Regolament.

It-teknoloġiji li huma l-aktar maturi mil-lat industrijali u fl-istess ħin jippreżentaw livelli għoljin ta' potenzjal ta' sostenibbiltà, bħall-fjuwils tal-avjazzjoni sostenibbli prodotti mil-lipidi tal-iskart (il-materja prima elenkata fil-Parti B tal-Anness IX tal-RED II), jenħtieġ li jkunu eliġibbli sabiex jitnieda s-suq u jippermettu tnaqqis fl-emissjonijiet diġà fuq terminu qasir. Filwaqt li miżura bħal din hija mistennija tnaqqas sostanzjalment l-emissjonijiet mis-settur tat-trasport kollu kemm hu, bħalissa, il-maġġoranza l-kbira tal-bijofjuwils likwidi huma prodotti għas-settur tat-toroq. Għalhekk, tista' sseħħ bidla tal-materja prima għall-produzzjoni tal-bijofjuwils fis-settur tat-toroq għall-produzzjoni mis-settur tal-avjazzjoni, iżda din tkun limitata. Fil-fatt, din tistma li ċ-ċaqliq potenzjali għall-bijofjuwils prodotti mill-Parti B tal-Anness IX tal-RED II se jkun ta' madwar 3,2 % sal-2030⁵.

L-introduzzjoni gradwali ta' fjuwils tal-avjazzjoni sostenibbli fis-suq tat-trasport bl-ajru hija mistennija tirriżulta f'żieda fil-kostijiet tal-fjuwil tal-avjazzjoni għal-linji tal-ajru. Dan jista' jenfasizza l-prattiki ta' distorsjoni li diġà jeżistu mill-operaturi tal-inġenji tal-ajru, bħat-tankering tal-fjuwil. Għalhekk, din il-proposta għal Regolament għandha l-għan li tgħammar lis-suq tal-avjazzjoni tal-UE b'regoli sodi biex tiżgura li l-ishma ta' fjuwils tal-avjazzjoni sostenibbli li jiżdiedu b'mod gradwali jkunu jistgħu jiġu introdotti fl-ajruporti tal-UE mingħajr effetti detrimentali fuq il-kompetittività tas-suq intern tal-avjazzjoni tal-UE.

Fattur essenzjali biex jiġi żgurat li l-obbligu ta' forniment ta' fjuwils tal-avjazzjoni sostenibbli ma jagħmilx ħsara lill-kundizzjonijiet ekwi tas-suq tat-trasport bl-ajru, huwa li jiġi impost obbligu ċar u uniformi għall-fornituri kollha tal-fjuwil tal-avjazzjoni fis-suq intern tal-UE. Minħabba d-dimensjoni transfruntiera u globali inerenti tat-trasport bl-ajru, huwa preferut Regolament armonizzat speċifiku għall-avjazzjoni, minn qafas li jeħtieġ traspożizzjoni fil-livell nazzjonali, peress li dan tal-aħħar jista' jirriżulta f'taħlita ta' miżuri nazzjonali b'rekwiżiti u miri differenti. Għal tfassil ta' politika ċar u effettiv, f'dan ir-Regolament, li jikkostitwixxi lex specialis tad-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli, jenħtieġ li jiġu stabbiliti esklużivament obbligi fuq il-fornituri tal-fjuwil tal-avjazzjoni fir-rigward ta' fjuwils tal-avjazzjoni sostenibbli. Peress li r-Regolament jistabbilixxi ishma minimi ta' fjuwil tal-avjazzjoni sostenibbli, dan ma jżommx lil-linji tal-ajru jew lill-fornituri tal-fjuwil milli jsegwu objettivi ambjentali aktar ambizzjużi jew ifittxu vantaġġi ekonomiċi/finanzjarji oħrajn relatati mal-SAF permezz tal-ippumpjar jew il-forniment ta' ishma akbar ta' fjuwils tal-avjazzjoni sostenibbli. Għal dan il-għan, il-linji tal-ajru jenħtieġ li jkunu jistgħu jfittxu li jiżguraw arranġamenti adegwati mal-fornituri tal-fjuwil tal-avjazzjoni biex iżidu l-użu tagħhom ta' fjuwils tal-avjazzjoni sostenibbli. Ir-Regolament ma jinkludix in-negozjabbiltà taċ-ċertifikati tal-użu ta' fjuwil tal-avjazzjoni sostenibbli (l-hekk imsejħa sistema ta' "book and claim"). Jekk in-negozjar jiġi introdott fi kwalunkwe punt fil-futur, dan jenħtieġ li jkun regolat minn regoli sodi li jiżguraw l-integrità ambjentali tas-sistema.

Dan ir-Regolament jenħtieġ li jkun akkumpanjat minn sforzi intensifikati tal-UE u tal-Istati Membri tagħha fl-ICAO biex jiġu stabbiliti miri vinkolanti għall-użu ta' fjuwils tal-avjazzjoni sostenibbli fl-avjazzjoni internazzjonali, b'alleanza strateġika tal-UE biex tissaħħaħ il-katina tal-valur tal-produzzjoni sostenibbli tal-fjuwils tal-avjazzjoni fl-UE b'mod partikolari għat-

⁵ Il-Valutazzjoni tal-Impatt dwar proposta għal Regolament dwar l-iżgurar ta' kundizzjonijiet ekwi għat-trasport sostenibbli bl-ajru.

teknoloġiji l-aktar innovattivi bħall-bijofjuwils avvanzati u l-fjuwils tal-avjazzjoni sintetiċi, inklużi b'mod partikolari mekkaniżmi ta' finanzjament bħal kuntratti għal differenzi u miżuri biex tiġi ffaċilitata ċ-ċertifikazzjoni ta' teknoloġiji innovattivi sostenibbli tal-fjuwils tal-avjazzjoni.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

Din il-proposta għal Regolament hija konsistenti mal-politika tat-trasport bl-ajru tal-UE, u b'mod partikolari mar-regoli rilevanti li jiffurmaw il-qafas tas-suq intern tal-avjazzjoni tal-UE. Din issegwi l-istess objettivi bħar-Regolament (KE) Nru 1008/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Settembru 2008 dwar regoli komuni għall-operat ta' servizzi tal-ajru fil-Komunità, jiġifieri li jiġi żgurat li l-linji tal-ajru li joperaw fl-UE jkunu jistgħu jikkompetu fuq il-bażi ta' opportunità ugwali. Ir-Regolament propost huwa wkoll konformi mar-Regolament (UE) 2019/712 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar is-salvagwardja tal-kompetizzjoni fit-trasport bl-ajru, li għandu l-għan li jiżgura li t-trasportaturi bl-ajru kollha li joperaw lejn l-UE u minnha jkunu jistgħu jibbenefikaw minn kundizzjonijiet ekwi.

Din il-proposta għal Regolament hija konsistenti mar-Regolament (UE) 2018/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2018 dwar regoli komuni fil-qasam tal-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea (EASA), u b'mod partikolari mar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 965/2012 tal-5 ta' Ottubru 2012 li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi u proċeduri amministrattivi relatati mal-operazzjonijiet bl-ajru. Ir-Regolament propost jeħtieġ li l-EASA tirċievi u tipproċessa rapporti mil-linji tal-ajru, b'mod partikolari dwar l-ippumpjar tal-fjuwil tal-avjazzjoni tagħhom. L-obbligu tal-ippumpjar tal-fjuwil tal-avjazzjoni stabbilit skont ir-Regolament propost jenħtieġ li jkun konsistenti mar-regoli dwar is-sikurezza tal-fjuwil tal-avjazzjoni kif stabbiliti skont ir-Regolament (UE) Nru 965/2012.

Ir-Regolament propost huwa konsistenti mad-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabli⁶ (RED II), minħabba li huwa mistenni jirriżulta f'użu akbar ta' enerġija rinnovabli fit-trasport bl-ajru. Ir-Regolament propost jiddependi mill-komponenti tar-regoli RED II, b'mod partikolari l-qafas ta' sostenibbiltà tagħha. L-RED II hija qafas transsettorjali li jistabbilixxi miri għal setturi ġenerali. Ma kienx biżżejjed li tingħata spinta lill-użu ta' fjuwils tal-avjazzjoni sostenibbli minħabba l-ispeċifitàjiet tas-settur tal-avjazzjoni, b'mod partikolari l-pressjoni qawwija fuq il-kostijiet kompetittivi madwar l-UE u globali tas-settur, kif ukoll is-suq intern tal-avjazzjoni tal-UE integrat ħafna u kompetittiv u d-dimensjoni globali tiegħu. Ir-Regolament propost jistabbilixxi rekwiżiti armonizzati bis-sħiħ biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi bejn il-linji tal-ajru u l-evitar ta' żvantaġġ kompetittiv bejn l-ajruporti tal-UE.

⁶ Id-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabli

Ir-Regolament propost huwa koerenti mal-Iskema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS)⁷, li tapplika għall-avjazzjoni. Huwa mistenni jinteraġixxi mingħajr xkiel mal-EU ETS, li fiha inċentiv għall-operaturi tal-inġenji tal-ajru biex jużaw fjuwils tal-avjazzjoni sostenibbli, jiġifieri l-linji tal-ajru ma humiex meħtieġa li jċedu kwoti meta jirrapportaw l-użu tal-SAF. L-effett tal-EU ETS huwa mistenni jissaħħa fil-kuntest tar-reviżjoni li jmiss tagħha. Ir-Regolament propost jiddependi mill-EU ETS billi jagħmel kontroreferenza għall-proċessi meħtieġa għall-verifika tar-rapporti mil-linji tal-ajru (l-Artikoli 14 u 15 tal-EU ETS).

Ir-Regolament propost huwa koerenti mad-Direttiva dwar l-Infrastruttura tal-Fjuwils Alternattivi (AFID), iżda huwa mistenni jkollu interazzjoni limitata magħha. Id-Direttiva toħloq qafas komuni ta' miżuri għall-varar ta' infrastruttura tal-fjuwils alternattivi fl-UE. Peress li l-fjuwils tal-avjazzjoni sostenibbli huma funzibbli mal-fjuwil tal-ġettijiet konvenzjonali, il-ħtiġijiet ta' infrastruttura addizzjonali fl-ajruporti huma limitati, iżda madankollu huwa importanti li jiġi żgurat li l-infrastruttura pprovduta tkun adatta għall-iskop tagħha.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

L-oġġettivi tar-Regolament propost huma wkoll konformi mal-oġġettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, jiġifieri li sal-2030 jinkiseb 55 % tat-tnaqqis tal-emissjonijiet fil-livell tal-UE u li tintlaħaq ekonomija newtrali għall-karbonju sal-2050. Dan għandu l-għan li jiżgura kundizzjonijiet ekwi fost l-atturi tas-suq uniku tal-avjazzjoni, u li s-settur jiġi mgħammar b'regoli sodi li jiżguraw il-kompetittività tiegħu filwaqt li jintroduċi ishma dejjem akbar ta' fjuwils tal-avjazzjoni sostenibbli. Dan huwa konformi mal-oġġettivi ta' politika tal-UE ta' rkupru rapidu tas-setturi l-aktar milquta mill-kriżi tal-COVID-19, Suq Uniku tal-UE b'saħħtu, li jwassal għal livelli għoljin ta' tkabbir u impjiegi. Fl-aħħar nett, ir-Regolament propost huwa konformi mal-oġġettivi ta' tranżizzjoni mill-enerġija fossili, lejn sorsi rinnovabbli tal-enerġija, u biex tittejjeb is-sigurtà tal-enerġija tal-UE billi jitnaqqsu d-dipendenzi tagħna minn prodotti tal-enerġija miksuba minn pajjiżi terzi.

2. **BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ**

- **Bażi ġuridika**

Ir-Regolament propost għandu l-għan li jiżgura kundizzjonijiet ekwi fost l-atturi tas-suq uniku tal-avjazzjoni, u li s-settur jiġi mgħammar b'regoli sodi li jiżguraw il-kompetittività tiegħu, filwaqt li tizzied is-sostenibbiltà tiegħu. It-test legali se jinkludi dispożizzjonijiet iddettaljati speċifiċi għall-avjazzjoni biex jiġu indirizzati l-kumplessitajiet tas-settur.

L-Artikolu 100(2) jagħti s-setgħa lill-Unjoni li tistabbilixxi dispożizzjonijiet xierqa fit-trasport bl-ajru.

⁷ Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

It-trasport bl-ajru huwa kwistjoni ta' rilevanza kbira għall-UE, peress li huwa suq integrat ħafna li jopera f'dimensjoni tan-network madwar l-UE kollha u lil hinn minnha. Id-dimensjoni transfruntiera hija inerenti għat-trasport bl-ajru, li jagħmel kwalunkwe qafas regolatorju frammentat ostaklu sinifikanti għall-atturi ekonomiċi tat-trasport bl-ajru.

Huwa meħtieġ intervent fil-livell tal-UE, peress li l-kompetittività tas-suq intern tal-avjazzjoni tal-UE kollu kemm hu ma tistax tiġi indirizzata b'mod adegwat fil-livell nazzjonali. Huwa meħtieġ intervent fil-livell tal-UE b'mod partikolari biex tiġi evitata taħlita ta' miżuri nazzjonali b'effetti mhux intenzjonati possibbli. Billi l-objettiv tar-Regolament propost huwa li jerġa' jkun hemm kundizzjonijiet ekwi fis-suq tat-trasport bl-ajru, livelli differenti ta' obbligi għal kull Stat Membru jista' jkollhom l-effett oppost u jfixxlu aktar is-suq tal-avjazzjoni, filwaqt li jinkoraġġixxu prattiki negattivi mill-operaturi tal-inġenji tal-ajru bħat-tankering tal-fjuwil.

Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-impożizzjoni ta' obbligu fuq il-provvista ta' fjuwils tal-avjazzjoni sostenibbli, l-azzjoni fil-livell tal-UE b'regoli armonizzati speċifiċi għall-avjazzjoni li japplikaw direttament għall-atturi tas-suq hija mistennija tkun aktar effettiva mill-miżuri nazzjonali li jistabbilixxu rekwiżiti u miri differenti.

- **Proporzjonalità**

Azzjoni fil-livell tal-UE hija mistennija tistabbilixxi direzzjoni politika ċara għall-atturi tas-suq kemm mill-industrija tal-avjazzjoni kif ukoll minn dawg tal-fjuwils. Sett ċar ta' regoli tal-UE fil-livell tal-UE jfisser li l-linji tal-ajru jistgħu joperaw abbażi ta' opportunitajiet indaqs madwar l-UE, u b'hekk jiġu restawrati kundizzjonijiet ekwi għal-linji tal-ajru u għall-ajruporti. Dan se jagħti wkoll sinjali ċari lill-industrija tal-fjuwils tal-avjazzjoni dwar il-livell tal-provvista tal-fjuwil u t-teknoloġiji tal-fjuwil biex isir investiment fihom. Sett uniku ta' regoli jfisser ukoll tnaqqis fil-kostijiet ta' konformità għall-atturi tas-suq.

Azzjoni fil-livell tal-UE dwar l-SAF tikkontribwixxi għall-kisba tal-ambizzjoni klimatika akbar tal-UE kif stabbilit fil-Liġi Ewropea dwar il-Klima. Il-Pjan dwar il-Mira Klimatika għall-2030 jistabbilixxi li l-SAF għandu rwol ewlieni x'jaqdi biex jitnaqqsu l-emissjonijiet mill-avjazzjoni sal-2030 u l-2050 u biex jintlaħqu l-għanijiet klimatiċi tal-UE. Għalhekk, l-istabbiliment ta' regoli tal-UE dwar il-produzzjoni u l-użu tal-SAF jippermetti li jittieħed approċċ "imfassal apposta" għall-ilħuq tal-miri. Id-dipendenza minn miżuri nazzjonali biss b'miri probabbilment differenti (jekk ikun hemm) toħloq ir-riskju li l-livell aggregat ta' ambizzjoni ma jkunx biżżejjed. L-inizjattiva attwali tista' tappoġġa wkoll ir-rieżami li jmiss tad-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli billi ssaħħaħ is-sehem tal-enerġija rinnovabbli fis-settur tat-trasport.

Azzjoni fil-livell tal-UE jista' jkollha effetti pożittivi fil-livell internazzjonali. Peress li l-intervent tal-UE jkollu effetti fuq is-suq kollu tal-avjazzjoni u tal-SAF tal-UE, huwa mistenni jkollu prominenza akbar lejn pajjiżi terzi minn inizjattivi nazzjonali iżolati. X'aktarx li jseħħu wkoll b'mod aktar faċli effetti kollaterali, fejn pajjiżi terzi jistgħu jikkunsidraw li jadottaw miżuri simili. Min-naħa tiegħu, dan jista' jaċċellera l-ħidma li għaddejja fil-livell tal-ICAO dwar l-użu tal-SAF. Fil-qosor, l-azzjoni tal-UE tista' tixpruna aktar żviluppi fil-produzzjoni u

l-użu tal-SAF barra mill-UE, li jistgħu jgħinu biex jinħolqu kundizzjonijiet ekwi fil-livell globali, kif ukoll biex jitnaqqsu l-emissjonijiet mit-trasport bl-ajru f'kamp ta' applikazzjoni usa'.

- **Għażla tal-istrument**

Din l-inizjattiva trid tiġi implimentata malajr u b'mod effiċjenti, bħala riżultat ewlieni tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-Istrateġija Komprensiva għal Mobbiltà Sostenibbli u Intelliġenti, u bħala element kostitwenti meħtieġ għall-ilhuk tal-għanijiet klimatiċi tal-UE sal-2030 u l-2050 billi jiġi żgurat li s-setturi tal-avjazzjoni jħaffu d-dekarbonizzazzjoni tagħhom stess mingħajr ma jipperikolaw il-benefiċċji murija sew ta' suq intern tal-avjazzjoni integrat ħafna. Kif spjegat fit-Taqsima 1.4 u fl-Anness 11, dan jista' jinkiseb bl-akbar suċċess billi l-atturi ekonomiċi jiġu rregolati direttament fil-livell tal-UE permezz ta' Regolament dwar is-suq intern. Fil-fatt, ir-regoli komuni li japplikaw b'mod dirett u uniformi għall-atturi tas-suq tal-avjazzjoni u tal-fjuwil madwar l-UE se jipprovdu ċarezza u uniformità. Peress li s-suq uniku tal-avjazzjoni huwa integrat b'mod inerenti fil-livell tal-UE, jiffunzjona l-aħjar meta r-regoli jiġu applikati għal-linji tal-ajru kollha bl-istess mod. L-impożizzjoni tal-istess rekwiżiti għall-atturi kollha tas-suq tnaqqas ir-riskji ta' distorsjoni tal-kompetizzjoni u tibgħat sinjali ċari lill-atturi tas-suq tal-avjazzjoni mhux tal-UE, meta jagħmlu titjiriet fl-UE. Sett uniformi ta' regoli madwar l-UE, kif stabbilit skont Regolament, se jippermetti li jintbagħtu sinjali qawwija u ċari lis-suq. Peress li t-tranżizzjoni għall-SAF teħtieġ investimenti sinifikanti, huwa indispensabbli li l-qafas regolatorju jipprovdi sett ta' regoli uniku, fit-tul u sod lill-investituri kollha madwar l-UE. B'mod partikolari, huwa kruċjali li jiġi evitat il-ħolqien ta' taħlita ta' miżuri differenti fil-livell nazzjonali, kif ikun il-każ jekk jiġu implimentati skont Direttiva transsettorjali. Filwaqt li dan jista' jiffunzjona b'modi tat-trasport bħat-triq jew il-ferrovija, ma jistax ikun ta' suċċess għall-modi tat-trasport li tant huma transfruntiera u globali bħall-avjazzjoni. L-iskala tas-suq tal-biċċa l-kbira tal-linji tal-ajru hija mifruxa mal-UE kollha jew saħansitra globali. Taħlita ta' traspożizzjonijiet nazzjonali tista' tnaqqas l-effettività tal-politika u tipperikola d-dekarbonizzazzjoni effettiva tat-trasport bl-ajru. Dan jista' jwassal ukoll għal imġiba ekonomika differenti fl-industriji tal-avjazzjoni u tal-fjuwil minn Stat Membru għal ieħor. Dan jista' jwassal għal Prattiki ta' evitar tal-kostijiet (eż. permezz ta' tankering tal-fjuwil) li jdgħajfu l-funzjonament tas-Suq Uniku. Din l-inizjattiva se jkollha impatt importanti fuq l-atturi tat-trasport bl-ajru u fuq is-suq intern tal-avjazzjoni kollu kemm hu. Huwa essenzjali li l-obbligi stabbiliti fuq il-linji tal-ajru kollha japplikaw għal-linji tal-ajru kollha b'mod uniformi, kif jista' jiġi żgurat permezz ta' regolament. Huwa daqstant ieħor importanti għall-effettività ta' din l-inizjattiva li l-obbligu tal-provvista tal-fjuwil jiġi implimentat u infurzat b'mod uniformi. Obbligi differenti għall-provvista tal-fjuwil f'oqsma differenti tal-UE (eż. miri differenti, standards ta' sostenibbiltà differenti, eċċ.) jistabbilixxu differenzi fit-trattamenti bejn il-linji tal-ajru u jistgħu jwasslu għal distorsjonijiet kompetittivi bejn l-ajruporti tal-UE jew ipoġġu lill-atturi tal-avjazzjoni tal-UE fi żvantaġġ ma' kompetituri mhux tal-UE. Din l-inizjattiva jenħtieġ li tiġi implimentata f'regolament awtonomu sabiex jiġu indirizzati l-ispeċifitàjiet u l-kumpleksitàjiet tas-suq uniku tal-avjazzjoni.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet ex post/kontrolli tal-idoneità tal-leġislazzjoni eżistenti**

Din hija inizjattiva ġdida. Għalhekk, ma kien hemm l-ebda evalwazzjoni ex post u kontroll tal-idoneità.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Din il-proposta għal Regolament issegwi konsultazzjoni komprensiva li saret matul l-2020. F'Marzu u f'April 2020, il-Kummissjoni wettqet konsultazzjoni pubblika dwar il-valutazzjoni tal-impatt tal-bidu. Waslu total ta' 121 feedback mingħand l-awtoritajiet pubbliċi, l-industriji tal-ajrunawtika u tal-fjuwils, l-organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ, l-akkademiċi u ċittadini. B'mod ġenerali, il-feedback esprima appoġġ għal azzjoni regolatorja fil-livell tal-UE biex tingħata spinta lill-użu ta' fjuwils tal-avjazzjoni sostenibbli. Il-Kummissjoni organizzat żewġ diskussjonijiet madwar mejda (f'Marzu u f'Novembru 2020), kull darba b'sessjonijiet iddedikati għal diskussjonijiet mal-partijiet ikkonċernati u mal-Istati Membri, u sessjonijiet iddedikati għal diskussjonijiet mal-Istati Membri biss. Id-diskussjonijiet madwar mejda ppermettew li jinkisbu fehmiet u skambju diretti mal-parteċipanti dwar il-ħtieġa ta' azzjoni regolatorja fil-livell tal-UE dwar fjuwils tal-avjazzjoni sostenibbli. L-ewwel diskussjoni madwar mejda ppermettiet li jinkiseb għarfien siewi dwar id-definizzjoni tal-problema, filwaqt li t-tieni diskussjoni madwar mejda għamlet enfasi fuq l-għażliet ta' politika, filwaqt li ppermettiet lill-parteċipanti jagħtu l-fehmiet tagħhom dwar l-għażla ppreferuta tagħhom, u ssuġġeriet aġġustamenti fit-tfassil tal-għażliet proposti. Saret konsultazzjoni pubblika miftuħa ta' 12-il ġimgħa minn Awwissu sa Ottubru 2020. Total ta' 156 tveġiba nġabru minn awtoritajiet pubbliċi, industriji tal-ajrunawtika u tal-fjuwils, organizzazzjonijiet mhux governattivi, akkademiċi u ċittadini. B'mod ġenerali, it-tveġibiet esprimew appoġġ li tittieħed azzjoni regolatorja fil-livell tal-UE biex tingħata spinta lill-użu ta' fjuwils tal-avjazzjoni sostenibbli fil-forma ta' mandat ta' taħlit tal-SAF. Inġabret informazzjoni siewja dwar il-preferenza tar-rispondenti lejn disinji speċifiċi ta' din il-miżura. Fl-aħħar nett, matul l-istudju ta' sostenn imwettaq minn kuntrattur estern, twettqet konsultazzjoni mmirata, biex jinkiseb għarfien speċifiku u dettaljat dwar il-funzjonament tas-suq tal-avjazzjoni, l-istat tas-suq tal-fjuwils tal-avjazzjoni, il-produzzjoni ta' fjuwils tal-avjazzjoni sostenibbli u d-diversi politiki eżistenti jew futuri li jappoġġaw l-użu ta' fjuwils tal-avjazzjoni sostenibbli. Din il-konsultazzjoni mmirata ffukat fuq l-atturi tal-industrija tal-ajrunawtika, l-industrija tal-fjuwils tal-avjazzjoni, l-Istati Membri, l-organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ u l-organizzazzjonijiet internazzjonali tal-avjazzjoni.

Matul din l-istrateġija ta' konsultazzjoni komprensiva, il-maġġoranza l-kbira tal-partijiet ikkonċernati tal-avjazzjoni (linji tal-ajru, ajruporti, manifatturi tal-inġenji tal-ajru) u l-industriji tal-fjuwil, l-Istati Membri u l-NGOs appoġġaw l-istabbiliment ta' obbligu tal-SAF bħala mekkaniżmu ta' politika effettiv biex tingħata spinta lill-produzzjoni u l-adozzjoni tal-SAF u biex jiġi ddekarbonizzat b'suċċess is-settur tal-avjazzjoni. Il-partijiet ikkonċernati kienu pjuttost f'nuqqas ta' qbil fuq id-disinn speċifiku tal-għażla iżda l-maġġoranza tal-

fornituri tal-fjuwil, tal-Istati Membri, tal-NGOs, tal-ajruporti u parti mil-linji tal-ajru jappoġġaw obbligu ta' SAF min-naħa tal-provvista bi flessibilità fid-distribuzzjoni tal-fjuwil, u jkopru l-fjuwil tal-ġettijiet fornut għat-titjiriet kollha li jtilqu mill-ajruporti tal-UE. Fl-istess ħin, il-maġġoranza tal-partijiet ikkonċernati raw il-ħtieġa ta' miżuri li jipprevjenu r-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju u d-distorsjoni fis-suq intern tal-avjazzjoni. Il-biċċa l-kbira tal-partijiet ikkonċernati (il-linji tal-ajru, l-ajruporti, l-industrija tal-fjuwil, l-NGOs, l-Istati Membri) jappoġġaw ukoll inċentivi speċifiċi biex jappoġġaw l-RFNBOs. Dawn il-miżuri kollha ġew inklużi fl-għażla ta' politika ppreferuta.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Sar studju minn kuntrattur estern biex jappoġġa l-valutazzjoni tal-impatt li tirfed din il-proposta. Dan l-istudju beda f'Lulju 2020 u ġie konkluż fil-bidu tal-2021. L-istudju pprova għarfien siewi lis-servizzi tal-Kummissjoni, b'mod partikolari biex jitfasslu l-għażliet ta' politika, jiġu vvalutati l-impatti ambjentali, ekonomiċi u soċjali tagħhom, u jinġabru l-fehmiet tal-partijiet ikkonċernati affettwati b'mod dirett.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

L-għażliet ta' politika proposti kienu strutturati madwar rekwiżit regolatorju li jikkonsisti f'obbligu ta' SAF. Dan ir-rekwiżit jippermetti r-restawr ta' kundizzjonijiet ekwi fis-settur tat-trasport bl-ajru fir-rigward tal-ippumpjar tal-fjuwil tal-avjazzjoni u ż-żamma tiegħu filwaqt li jiżdied l-użu tal-SAF fl-avjazzjoni. L-għażliet ta' politika pprovdew modi differenti għat-tfassil tal-obbligu. L-ewwel sett ta' Għażliet kien jinkludi obbligu fuq il-fornituri tal-fjuwil li jqassmu l-SAF fl-ajruporti kollha tal-UE. It-tieni sett ta' għażliet kien jinkludi obbligu fuq il-linji tal-ajru biex jadottaw l-SAF meta jtiru mill-ajruporti tal-UE (subgħażla waħda kopriet it-titjiriet kollha, is-subgħażla l-oħra kopriet titjiriet fl-UE biss). Fl-aħħar nett, it-tielet sett ta' għażliet kien jinkludi obbligi fuq il-fornituri tal-fjuwil biex iqassmu l-SAF b'xi flessibilità fil-bidu, u fuq il-linji tal-ajru biex jużaw il-fjuwil tal-ġettijiet qabel ma jtilqu mill-ajruporti tal-UE. Il-miri tfasslu f'termini ta' volum tal-SAF għall-għażliet, u f'termini ta' tnaqqis tal-intensità tas-CO₂ tal-fjuwil tal-ġettijiet għall-oħrajn. L-għażliet kollha kien fihom inċentivi biex jiġu appoġġati fjuwils rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika (RFNBOs). L-għażla ppreferuta kienet li jiġi impost mandat ta' taħlit tal-SAF fuq il-fornituri tal-fjuwil u obbligu ta' ppumpjar tal-fjuwil tal-ġettijiet fuq il-linji tal-ajru, inkluż sottomandat fuq l-RFNBOs. Din l-għażla kienet ippreferuta peress li tippermetti li jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi fis-suq tat-trasport bl-ajru filwaqt li jiżdiedu b'mod sinifikanti l-produzzjoni u l-użu tal-SAF.

L-għażliet ta' politika ppreferuti jippermettu li tinżamm il-kompetittività tal-industrija tat-trasport bl-ajru u jwasslu għal tnaqqis sinifikanti tal-emissjonijiet tas-CO₂ well-to-wing fis-settur tal-avjazzjoni, jiġifieri b'madwar 60-61 % sal-2050, meta mqabbla max-xenarju ta' referenza. L-emissjonijiet ta' sustanzi li jniġġsu fl-arja jonqsu b'madwar 9 % sal-2050 meta mqabbla mal-linja bażi. B'mod ġenerali, il-kostijiet ambjentali tal-avjazzjoni (relatati mal-emissjonijiet tas-CO₂ u mal-emissjonijiet ta' sustanzi li jniġġsu fl-arja) jitnaqqsu b'madwar EUR 87-88 biljun meta mqabbla mal-linja bażi, espressa bħala valur attwali matul il-perjodu 2021-2050. Il-kapaċità tal-produzzjoni tal-SAF tiżdied b'25,5-25,6 Mt addizzjonali sal-2050. It-tfaċċar tal-SAF fis-suq iwassal għal tnaqqis kbir fid-dipendenza tal-avjazzjoni mill-fjuwil

fossili tal-ġettijiet, li l-konsum tiegħu jonqos b'65 % sal-2050 meta mqabbel mal-linja bażi. Is-sigurtà tal-enerġija tal-UE tittejjeb hekk kif l-importazzjonijiet tal-enerġija fossili minn pajjiżi terzi jonqsu u l-materja prima u l-elettriku rinnovabbli għall-produzzjoni tal-SAF jinkisbu fl-UE (l-SAF prodott fl-UE jirrappreżenta 92 % tal-użu totali tal-SAF fl-2050). Skont l-għażliet ta' politika ppreferuti, it-teknoloġiji tal-SAF bl-akbar potenzjal ta' dekarbonizzazzjoni jitfaċċaw fis-suq fi kwantitajiet sinifikanti aktar kmieni milli mingħajr azzjoni politika. Il-prezzijiet tal-SAF jonqsu meta mqabbla mal-istimi attwali, li jikkontribwixxi għat-tnaqqis tad-distakk fil-prezzijiet bil-fjuwil fossili tal-ġettijiet maż-żmien. L-għażliet ta' politika ppreferuti jwasslu għall-ħolqien nett ta' impjiegi fl-UE, jiġifieri madwar 202 100 impjieg addizzjonali meta mqabbla mal-linja bażi. Fl-aħħar nett, it-tnaqqis fit-tniġġis tal-arja għandu effetti pożittivi fuq is-saħħa pubblika (jiġifieri l-kostijiet esterni mit-tnaqqis fit-tniġġis tal-arja b'madwar EUR 1,5 biljun matul il-perjodu 2021 sal-2050, meta mqabbel mal-linja bażi).

B'mod ġenerali l-POs C1 u C2 iwasslu għal żieda fil-kostijiet ta' EUR 20,3 biljun (C1) u EUR 14,6-il biljun (C2) meta mqabbla mal-linja bażi matul il-perjodu 2021-2050. Dawn il-kostijiet huma fil-biċċa l-kbira xprunati minn żieda fil-kost tal-fjuwil tal-ġettijiet meta mqabbla mal-linja bażi, jiġifieri EUR 103,5 biljun (C1) u EUR 88,2 biljun (C2), espressi bħala valur attwali matul l-2021-2050. Iż-żieda fil-kostijiet tal-fjuwil hija riflessa fuq in-nollijiet tal-ajru, li huma stmati li jiżiedu b'madwar 8,1-8,2 % sal-2050. Nollijiet oġhla tal-ajru jwasslu għal tnaqqis żgħir fl-attività totali tat-trasport bl-ajru tal-passiġġieri meta mqabbla mal-linja bażi, minkejja li għadhom qed jikbru b'77 % sal-2050 meta mqabbla mal-2015. Dan iwassal għal kostijiet kapitali u operazzjonali aktar baxxi għat-trasport bl-ajru meta mqabbla mal-linja bażi, jiġifieri b'EUR 84 biljun (C1) u EUR 74,5 biljun (C2). Il-kostijiet addizzjonali tal-loġistika jammontaw għal EUR 0,19 biljun (C1 u C2). Il-linji tal-ajru jġarrbu wkoll żieda fil-kostijiet tar-rapportar ta' EUR 0,34 biljun (C1 u C2) meta mqabbla mal-linja bażi, espressa bħala valur attwali matul l-2021-2050. Għall-produtturi tal-SAF, il-ħtiġijiet ta' investment matul il-perjodu mill-2021 sal-2050 huma stmati għal madwar EUR 10,4-10,5 biljun. Fil-fatt, jeħtieġ li jinbnew bejn 104 u 106 impjanti addizzjonali tal-SAF fl-UE sal-2050 biex jipprovdu għall-kapaċità ta' produzzjoni meħtieġa tal-SAF.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Ir-Regolament propost jevita li jimponi piż żejjed fuq l-operaturi ekonomiċi billi jnaqqas il-kostijiet tal-konformità. B'mod partikolari fl-ewwel ħames snin mill-applikazzjoni tiegħu, dan jipprovdi xi flessibilità fil-mod kif il-fornituri tal-fjuwil tal-avjazzjoni jistgħu jissodisfaw l-obbligu tal-provvista sostenibbli tal-fjuwil tal-avjazzjoni. Dan mistenni jnaqqas il-kostijiet tal-loġistika u jevita żieda fil-kostijiet sostenibbli tal-fjuwils tal-avjazzjoni. Peress li l-fjuwil tal-avjazzjoni jirrappreżenta sehem imdaqqas mill-kostijiet operazzjonali tal-operaturi tal-inġenji tal-ajru, dan mistenni jkollu impatt pożittiv fuq il-kompetittività tagħhom.

- **Drittijiet fundamentali**

Din il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni fuq id-drittijiet fundamentali.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

L-implikazzjonijiet baġitarji huma relatati b'mod partikolari mar-rieżami tar-rapporti u l-valutazzjoni tal-konformità tal-operaturi ekonomiċi soġġetti għall-obbligi, kif ukoll mar-rapportar annwali mill-EASA lill-Kummissjoni. Dawn huma vvalutati fid-dettall fid-Dikjarazzjoni Finanzjarja Leġislattiva. L-iżvilupp tal-IT u l-għażliet ta' akkwist se jkunu soġġetti għal approvazzjoni minn qabel mill-Bord tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni u taċ-Ċibersigurtà tal-Kummissjoni Ewropea.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Ir-Regolament propost jinkludi sistemi ta' monitoraġġ, rapportar u verifika li jippermettu li jiġi żgurat li dan jiġi implimentat b'mod korrett. B'mod partikolari, l-operaturi tal-inġenji tal-ajru u l-fornituri tal-fjuwil se jkunu meħtieġa jirrapportaw fuq bażi annwali. Tali rapporti se jiġu vverifikati minn korpi indipendenti u se titwettaq valutazzjoni tal-konformità tal-operaturi tal-inġenji tal-ajru u tal-fornituri tal-fjuwil biex jiġi ddeterminat jekk ikunux issodisfaw l-obbligi rispettivi tagħhom. Barra minn hekk, fuq bażi annwali, l-EASA se tirrapporta lill-Kummissjoni b'mod partikolari dwar il-konformità tal-operaturi ekonomiċi u dwar l-istatus tas-swieq tal-avjazzjoni u tal-fjuwils tal-avjazzjoni sostenibbli. Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni se tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, tal-inqas kull ħames snin wara d-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, l-evoluzzjoni tas-suq tal-fjuwils tal-avjazzjoni u l-impatt tiegħu fuq is-suq intern tal-avjazzjoni tal-Unjoni, inkluż fir-rigward tal-estensjoni possibbli tal-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għal sorsi oħra tal-enerġija, u dwar il-meħtieġa possibbli li jiġu aġġustati karatteristiċi speċifiċi tar-Regolament propost.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

L-Artikolu 1 tal-proposta jiddeskrivi s-suġġett tar-Regolament propost, li jistabbilixxi regoli armonizzati li għandhom l-għan li jżommu kundizzjonijiet kompetittivi ekwi fis-suq intern tal-avjazzjoni tal-Unjoni filwaqt li jżidu l-użu ta' fjuwils tal-avjazzjoni sostenibbli mill-operaturi tal-inġenji tal-ajru u d-distribuzzjoni ta' fjuwils tal-avjazzjoni sostenibbli fl-ajruporti tal-Unjoni. L-Artikolu 2 jispeċifika l-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament. L-Artikolu 3 jipprovdi bosta definizzjonijiet ta' importanza għar-Regolament. L-Artikolu 4 jistabbilixxi l-obbligu għall-fornituri tal-fjuwil tal-avjazzjoni li jiżguraw li l-fjuwil kollu tal-avjazzjoni magħmul disponibbli għall-operaturi tal-inġenji tal-ajru fl-ajruporti tal-Unjoni jkun fih sehem minimu ta' fjuwil tal-avjazzjoni sostenibbli, inkluż sehem minimu ta' fjuwil sintetiku. L-Artikolu 5 jistabbilixxi l-obbligu għall-operaturi tal-inġenji tal-ajru li jiżguraw li l-kwantità annwali ta' fjuwil tal-avjazzjoni li jkun għe ppumpjat f'ajruport partikolari tal-Unjoni tkun ta' mill-anqas 90 % tal-fjuwil tal-avjazzjoni annwali meħtieġ. L-Artikolu 6 jiddefinixxi l-obbligi għall-Ajruporti tal-Unjoni li jipprovdu l-infrastruttura meħtieġa sabiex jiġi ffaċilitat l-aċċess tal-operaturi tal-inġenji tal-ajru għall-fjuwils tal-avjazzjoni li jkun fihom ishma ta' fjuwils tal-avjazzjoni sostenibbli. L-Artikolu 7 jispeċifika l-obbligi ta' rapportar għall-operaturi tal-inġenji tal-ajru. L-Artikolu 8 jistabbilixxi regoli dwar id-dikjarazzjoni tal-użu ta' fjuwils tal-avjazzjoni sostenibbli li jikkonċernaw aktar minn skema waħda ta' gassijiet serra. L-Artikolu

9 jispeċifika l-obbligi ta' rapportar għall-fornituri tal-fjuwil tal-avjazzjoni. L-Artikolu 10 jiddefinixxi r-regoli dwar l-awtoritajiet kompetenti li għandhom jinħatru mill-Istati Membri sabiex jiżguraw l-infurzar ta' dan ir-Regolament. L-Artikolu 11 jistabbilixxi regoli dwar il-multi amministrattivi. L-Artikolu 12 jistabbilixxi obbligu għall-EASA li tippubblika rapport tekniku annwali abbażi tar-rapporti annwali ppreżentati mill-operaturi tal-inġenji tal-ajru u mill-fornituri tal-fjuwil. L-Artikolu 13 jgħid li jkollu jipprovdha s-sehem minimu ta' fjuwil tal-avjazzjoni sostenibbli bħala medja fuq il-fjuwil kollu tal-avjazzjoni li huma jfornu madwar l-ajruporti tal-Unjoni għal dak il-perjodu ta' rapportar. L-Artikolu 14 jiddefinixxi obbligu għall-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li tirrapporta dwar bosta aspetti tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, mill-anqas kull ħames snin. L-Artikolu 15 jipprevedi d-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament. L-Anness I jiddefinixxi l-ishma minimi ta' fjuwil tal-avjazzjoni sostenibbli, inklużi l-ishma minimi ta' fjuwil sintetiku, tal-fjuwil tal-avjazzjoni li għandu jiġi fornut, u L-Anness II jipprovdha mudell għall-obbligu ta' rapportar tal-operaturi tal-inġenji tal-ajru.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar l-iżgurar ta' kundizzjonijiet ekwi għal trasport bl-ajru sostenibbli

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b' mod partikolari l-Artikolu 100(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew⁸,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regġuni⁹,

Filwaqt li jaġixxu f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

- (1) Matul l-aħħar deċennji, it-trasport bl-ajru kellu rwol kruċjali fl-ekonomija tal-Unjoni u fil-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini tal-Unjoni, bħala wieħed mis-setturi bl-aħjar prestazzjoni u l-aktar dinamiċi tal-ekonomija tal-Unjoni. Dan huwa xprunatur b'saħħtu għat-tkabbir ekonomiku, l-impjiegi, il-kummerċ u t-turiżmu, kif ukoll għall-konnettività u l-mobbiltà kemm tan-negozji kif ukoll taċ-ċittadini bl-istess mod, b' mod partikolari fi ħdan is-suq intern tal-avjazzjoni tal-Unjoni. It-tkabbir fis-servizzi tat-trasport bl-ajru kkontribwixxa b' mod sinifikanti għat-titjib fil-konnettività fl-Unjoni u ma' pajjiżi terzi u kien faċilitatur sinifikanti tal-ekonomija tal-Unjoni.
- (2) Mill-2020, it-trasport bl-ajru kien wieħed mill-aktar setturi milquta mill-kriżi tal-COVID-19. Bil-perspettiva li tintemm il-pandemija fil-qrib, huwa mistenni li t-traffiku tal-ajru se jerġa' jibda gradwalment fis-snin li ġejjin u jirkupra għal-livelli tiegħu ta' qabel il-kriżi. Fl-istess ħin, l-emissjonijiet mis-settur ilhom jiżdiedu mill-1990 u x-xejra ta' żieda fl-emissjonijiet tista' terġa' lura hekk kif aħna negħlbu l-pandemija. Għalhekk, jeħtieġ li wieħed iħejji għall-futur u jaġħmel l-aġġustamenti meħtieġa biex jiġi żgurat suq tat-trasport bl-ajru li jiffunzjona tajjeb u li jikkontribwixxi għall-ilħuq tal-għanijiet klimatiċi tal-Unjoni, b'livelli għoljin ta' konnettività, sikurezza u sigurtà.
- (3) Il-funzjonament tas-settur tat-trasport bl-ajru tal-Unjoni huwa ddeterminat min-natura transfruntiera tiegħu madwar l-Unjoni, u mid-dimensjoni globali tiegħu. Is-suq intern tal-avjazzjoni huwa wieħed mill-aktar setturi integrati fl-Unjoni, regolat minn regoli uniformi dwar l-aċċess għas-suq u kundizzjonijiet operattivi. Il-politika esterna tat-trasport bl-ajru hija regolata minn regoli stabbiliti fil-livell globali fl-Organizzazzjoni

⁸ ĠU C , , p . .

⁹ ĠU C , , p . .

tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (ICAO), kif ukoll minn ftehimiet multilaterali jew bilaterali komprensivi bejn l-Unjoni jew l-Istati Membri tagħha, u pajjiżi terzi.

- (4) Is-suq tat-trasport bl-ajru huwa soġġett għal kompetizzjoni b'saħħitha bejn l-atturi ekonomiċi madwar l-Unjoni, li għalihom kundizzjonijiet ekwi huma indispensabbli. L-istabbiltà u l-prosperità tas-suq tat-trasport bl-ajru u l-atturi ekonomiċi tiegħu jiddependu minn qafas ta' politika ċar u armonizzat fejn l-operaturi tal-inġenji tal-ajru, l-ajruporti u atturi oħra tal-avjazzjoni jistgħu joperaw abbażi ta' opportunitajiet indaqs. Fejn iseħħu distorsjonijiet fis-suq, dawn jirriskjaw li jqiegħdu lill-operaturi tal-inġenji tal-ajru jew lill-ajruporti fi żvantaġġ mal-kompetituri interni jew esterni. Min-naħa tiegħu, dan jista' jirriżulta f'telf ta' kompetittività tal-industrija tat-trasport bl-ajru, u f'telf ta' konnettività bl-ajru għaċ-ċittadini u għan-negożji.
- (5) B'mod partikolari, huwa essenzjali li jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi fis-suq tat-trasport bl-ajru tal-Unjoni fir-rigward tal-fjuwil tal-avjazzjoni, li jammonta għal sehem sostanzjali tal-kostijiet tal-operaturi tal-inġenji tal-ajru. Il-varjazzjonijiet fil-prezzijiet tal-fjuwil jistgħu jaffettwaw b'mod sinifikanti l-prestazzjoni ekonomika tal-operaturi tal-inġenji tal-ajru u jkollhom impatt negattiv fuq il-kompetizzjoni fis-suq. Fejn jeżistu differenzi fil-prezzijiet tal-fjuwil tal-avjazzjoni bejn l-ajruporti tal-Unjoni jew bejn l-ajruporti tal-Unjoni u dawk mhux tal-Unjoni, dan jista' jwassal lill-operaturi tal-inġenji tal-ajru biex jadattaw l-istrateġiji ta' riforniment tagħhom minħabba raġunijiet ekonomiċi. It-tankering tal-fjuwil iżid il-konsum tal-fjuwil tal-inġenji tal-ajru u jirriżulta f'emissjonijiet mhux meħtieġa ta' gassijiet serra. Għaldaqstant, it-tankering tal-fjuwil mill-operaturi tal-inġenji tal-ajru jdgħajjef l-isforzi tal-Unjoni għall-protezzjoni ambjentali. Xi operaturi tal-inġenji tal-ajru jistgħu jużaw prezzijiet favorevoli tal-fjuwil tal-avjazzjoni fil-bażi residenzjali tagħhom bħala vantaġġ kompetittiv għal linji tal-ajru oħra li joperaw rotot simili. Dan jista' jkollu effetti detrimentali fuq il-kompetittività tas-settur u jkun ta' ħsara għall-konnettività tal-ajru. Dan ir-Regolament jenħtieġ li jistabbilixxi miżuri biex jipprevjenu prattiki bħal dawn sabiex tiġi evitata ħsara ambjentali bla bżonn kif ukoll biex jiġu restawrati u ppreservati l-kundizzjonijiet għal kompetizzjoni ġusta fis-suq tat-trasport bl-ajru.
- (6) Objettiv ewlieni tal-politika komuni dwar it-trasport huwa l-iżvilupp sostenibbli. Dan jeħtieġ metodu integrat li għandu l-għan li jiżgura kemm il-funzjonament effettiv tas-sistemi ta' trasport tal-Unjoni kif ukoll il-protezzjoni tal-ambjent. L-iżvilupp sostenibbli tat-trasport bl-ajru jeħtieġ l-introduzzjoni ta' miżuri li għandhom l-għan li jnaqqsu l-emissjonijiet tal-karbonju minn inġenji tal-ajru li jagħmlu titjriet minn ajruporti tal-Unjoni. Tali miżuri jenħtieġ li jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-objettivi klimatiċi tal-Unjoni sal-2030 u l-2050.
- (7) Il-Komunikazzjoni dwar Strateġija għal Mobbiltà Sostenibbli u Intelligenti¹⁰ adottata mill-Kummissjoni f'Diċembru 2020 tistabbilixxi kors ta' azzjoni għas-sistema tat-trasport tal-UE sabiex tikseb it-trasformazzjoni ekoloġika u diġitali tagħha u ssir aktar reżiljenti. Id-dekarbonizzazzjoni tas-settur tat-trasport bl-ajru hija proċess meħtieġ u ta' sfida, speċjalment fuq terminu qasir. L-avvanzi teknoloġiċi, segwiti fil-programmi Ewropej u nazzjonali tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-avjazzjoni kkontribwew għal tnaqqis importanti fl-emissjonijiet fl-aħħar deċennji. Madankollu, it-tkabbir globali tat-traffiku tal-ajru qabeż it-tnaqqis fl-emissjonijiet tas-settur. Filwaqt li t-teknoloġiji l-

¹⁰ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: Strateġija għal Mobbiltà Sostenibbli u Intelliġenti – inqiegħdu t-trasport Ewropew fit-triq it-tajba għall-futur (COM/2020/789 final), 9.12.2020.

għodda huma mistennija jgħinu fit-tnaqqis tad-dipendenza tal-avjazzjoni fuq distanzi qosra mill-enerġija fossili fid-deċennji li ġejjin, il-fjuwils tal-avjazzjoni sostenibbli joffru l-unika soluzzjoni għad-dekarbonizzazzjoni sinifikanti tal-firxiet kollha tat-titjiriet, diġà fuq terminu qasir. Madankollu, dan il-potenzjal bħalissa fil-biċċa l-kbira tiegħu ma huwiex sfruttat.

- (8) Il-fjuwils tal-avjazzjoni sostenibbli huma fjuwils likwidi, ta' sostituzzjoni, kompletament funġibbli ma' fjuwil tal-avjazzjoni konvenzjonali u kompatibbli mal-magni tal-inġenji tal-ajru eżistenti. Diversi perkorsi ta' produzzjoni ta' fjuwils tal-avjazzjoni sostenibbli ġew iċċertifikati fil-livell globali għall-użu fl-avjazzjoni ċivili jew militari. Il-fjuwils tal-avjazzjoni sostenibbli huma lesti mill-aspett teknoloġiku biex ikollhom rwol importanti fit-tnaqqis tal-emissjonijiet mit-trasport bl-ajru diġà fuq terminu qasir ħafna. Dawn mistennija jkunu jammontaw għal parti kbira mit-taħlita tal-fjuwil tal-avjazzjoni fit-terminu medju u fit-tul. Barra minn hekk, bl-appoġġ ta' standards internazzjonali tal-fjuwils xierqa, il-fjuwils tal-avjazzjoni sostenibbli jistgħu jikkontribwixxu għat-tnaqqis tal-kontenut aromatiku tal-fjuwil finali użat minn operatur, u b'hekk jgħinu sabiex jitnaqqsu emissjonijiet oħrajn mhux tas-CO₂. Alternattivi oħra biex jitħaddmu l-inġenji tal-ajru, bħall-elettriku jew l-idroġenu likwidu huma mistennija jikkontribwixxu progressivament għad-dekarbonizzazzjoni tat-trasport bl-ajru, li tibda b'titjiriet fuq distanzi qosra.
- (9) L-introduzzjoni gradwali ta' fjuwils tal-avjazzjoni sostenibbli fis-suq tat-trasport bl-ajru se tirrappreżenta kost addizzjonali tal-fjuwil għal-linji tal-ajru, peress li tali teknoloġiji tal-fjuwil bħalissa huma aktar għaljin biex jiġu prodotti mill-fjuwil tal-avjazzjoni konvenzjonali. Dan mistenni jaggrava l-kwistjonijiet li diġà jeżistu ta' kundizzjonijiet ekwi fis-suq tat-trasport bl-ajru fir-rigward tal-fjuwil tal-avjazzjoni, u jikkawża aktar distorsjonijiet fost l-operaturi tal-inġenji tal-ajru u l-ajruporti. Dan ir-regolament jenħtieġ li jieħu miżuri biex jipprevjeni li l-introduzzjoni ta' fjuwils tal-avjazzjoni sostenibbli taffettwa b'mod negattiv il-kompetittività tas-settur tal-avjazzjoni billi jiddefinixxi rekwiżiti armonizzati madwar l-Unjoni.
- (10) Fil-livell globali, il-fjuwils tal-avjazzjoni sostenibbli huma rregolati fl-ICAO. B'mod partikolari, l-ICAO tistabbilixxi rekwiżiti dettaljati dwar is-sostenibbiltà, it-traċċabbiltà u l-kontabbiltà ta' fjuwils tal-avjazzjoni sostenibbli għall-użu fuq titjiriet koperti mill-Iskema ta' Kumpens u Tnaqqis tal-Karbonju għall-Avjazzjoni Internazzjonali (CORSIA). Filwaqt li l-inċentivi huma stabbiliti fil-CORSIA u l-fjuwils tal-avjazzjoni sostenibbli huma kkunsidrati bħala pilastru integrali tal-ħidma dwar il-fattibbiltà ta' Għan ta' Aspirazzjoni fit-Tul għall-avjazzjoni internazzjonali, bħalissa ma hemm l-ebda skema obbligatorja dwar l-użu ta' fjuwils tal-avjazzjoni sostenibbli għal titjiriet internazzjonali. Ftehimiet multilaterali jew bilaterali komprensivi dwar it-trasport bl-ajru bejn l-UE jew l-Istati Membri tagħha, u pajjiżi terzi ġeneralment jinkludu dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni ambjentali. Madankollu, għalissa, tali dispożizzjonijiet ma jimponu l-ebda rekwiżit vinkolanti fuq il-partijiet kontraenti dwar l-użu ta' fjuwils tal-avjazzjoni sostenibbli.
- (11) Fil-livell tal-UE, ir-regoli ġenerali dwar l-enerġija rinnovabbli għas-settur tat-trasport huma stabbiliti fid-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹¹. Fil-passat, dawn l-oqfsa regolatorji transsettorjali orizzontali ma wrewx li huma effettivi biex iwettqu tranżizzjoni mill-fjuwils fossili għal fjuwil tal-avjazzjoni

¹¹ Id-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 82).

sostenibbli fit-trasport bl-ajru. Id-Direttiva (UE) 2018/2001 u l-predeċessur tagħha jistabbilixxu miri ġenerali fil-modi kollha tat-trasport li għandhom jiġu fornuti bi fjuwils rinnovabbli. Peress li l-avjazzjoni huwa suq żgħir tal-fjuwils li għalih il-fjuwils rinnovabbli jiswew aktar biex jiġu prodotti meta mqabbel ma' modi oħrajn ta' trasport, jenħtieġ li oqfsa regolatorji bħal dawn jiġu kkomplementati b'miżuri speċifiċi għall-avjazzjoni sabiex tingħata spinta effettiva lill-użu ta' fjuwils tal-avjazzjoni sostenibbli. Barra minn hekk, it-traspożizzjonijiet nazzjonali tad-Direttiva (UE) 2018/2001 jippreżentaw ir-riskju li joħlqu frammentazzjoni sinifikanti fis-suq tat-trasport bl-ajru, fejn ir-regoli nazzjonali dwar il-fjuwils tal-avjazzjoni sostenibbli jistabbilixxu miri differenti ħafna. Dan ikun mistenni jkompli jaggrava l-kwistjonijiet ta' kundizzjonijiet ekwi fit-trasport bl-ajru.

- (12) Għalhekk, jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli uniformi għas-suq intern tal-avjazzjoni biex jikkomplementaw id-Direttiva (UE) 2018/2001 u jintlaħqu l-oġġettivi ġenerali tagħha billi jiġu indirizzati l-ħtiġijiet u r-rekwiżiti speċifiċi li jirriżultaw mis-suq intern tal-avjazzjoni tal-UE. B'mod partikolari, dan ir-Regolament għandu l-għan li jevita frammentazzjoni tas-suq tal-avjazzjoni, jipprevjeni distorsjonijiet kompetittivi possibbli bejn l-atturi ekonomiċi, jew prattiki inġusti ta' evitar tal-kostijiet fir-rigward tar-riforniment tal-operaturi tal-inġenji tal-ajru.
- (13) L-ewwel nett, dan ir-regolament għandu l-għan li jistabbilixxi qafas li jerġa' jistabbilixxi u jippreserva kundizzjonijiet ekwi fis-suq tat-trasport bl-ajru fir-rigward tal-użu tal-fjuwils tal-avjazzjoni. Tali qafas jenħtieġ li jipprevjeni rekwiżiti diverġenti madwar l-Unjoni li jaggravaw il-prattiki ta' riforniment li jfixklu l-kompetizzjoni bejn l-operaturi tal-inġenji tal-ajru jew li jpoġġu lil xi ajruporti fi żvantaġġ kompetittiv ma' oħrajn. It-tieni, dan għandu l-għan li jgħammar lis-suq tal-avjazzjoni tal-UE b'regoli sodi biex jiżgura li l-ishma dejjem akbar ta' fjuwils tal-avjazzjoni sostenibbli jkunu jistgħu jiġu introdotti fl-ajruporti tal-UE mingħajr effetti detrimentali fuq il-kompetittività tas-suq intern tal-avjazzjoni tal-UE.
- (14) Huwa essenzjali li jiġu stabbiliti regoli armonizzati fis-suq intern tal-UE, li japplikaw direttament u b'mod uniformi għall-atturi tas-suq tal-avjazzjoni minn naħa waħda, u għall-atturi tas-suq tal-fjuwils tal-avjazzjoni min-naħa l-oħra. Il-qafas ġenerali stabbilit bid-Direttiva (UE) 2018/2001 jenħtieġ li jiġi kkomplementat b'*lex specialis* li tapplika għat-trasport bl-ajru. Din jenħtieġ li tinkludi miri li jiżdiedu gradwalment għall-provvista ta' fjuwils tal-avjazzjoni sostenibbli. Dawn il-miri jenħtieġ li jiġu ddefiniti bir-reqqa, filwaqt li jitqiesu l-oġġettivi ta' suq tat-trasport bl-ajru li jiffunzjona tajjeb, il-ħtieġa li s-settur tal-avjazzjoni jiġi dekarbonizzat u l-istatus attwali tal-industrija tal-fjuwils tal-avjazzjoni sostenibbli.
- (15) Dan ir-Regolament jenħtieġ li japplika għall-inġenji tal-ajru involuti fl-avjazzjoni ċivili, li jwettqu titjriet kummerċjali tat-trasport bl-ajru. Jenħtieġ li ma japplikax għal inġenji tal-ajru bħal inġenji tal-ajru militari u inġenji tal-ajru involuti f'operazzjonijiet għal finijiet umanitarji, ta' tiftix, ta' salvataġġ, ta' għajnuna f'diżastri jew mediċi, kif ukoll operazzjonijiet doganali, tal-pulizija u tat-tifi tan-nar. Tabilħaqq, it-titjriet operati f'ċirkostanzi bħal dawn huma ta' natura eċċezzjonali u għalhekk mhux dejjem jistgħu jiġu pjanati bl-istess mod bħal titjriet regolari. Minħabba n-natura tal-operazzjonijiet tagħhom, dawn mhux dejjem jistgħu jkunu f'pożizzjoni li jissodisfaw l-obbligi skont dan ir-Regolament, peress li jistgħu jirrappreżentaw piż bla bżonn. Sabiex ikun hemm kundizzjonijiet ekwi madwar is-suq uniku tal-avjazzjoni tal-UE, dan ir-regolament jenħtieġ li jkopri l-akbar sehem possibbli ta' traffiku tal-ajru kummerċjali operat minn ajruporti li jinsabu fit-territorju tal-UE. Fl-istess ħin, sabiex tiġi ssalvagwardjata l-konnettività bl-ajru għall-benefiċċji taċ-ċittadini, tan-negozji u

tar-regġuni tal-UE, huwa importanti li tiġi evitata l-impożizzjoni ta' piż żejjed fuq l-operazzjonijiet tat-trasport bl-ajru f'ajruporti żgħar. Jenħtieġ li jiġi ddefinit limitu tat-traffiku annwali tal-ajru tal-passiġġieri u tat-traffiku tal-merkanzija, li taħtu l-ajruporti ma jkunux koperti minn dan ir-Regolament; madankollu, il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament jenħtieġ li jkopri mill-inqas 95 % tat-traffiku totali li jitlaq mill-ajruporti fl-Unjoni. Minħabba l-istess raġunijiet, jenħtieġ li jiġi definit limitu biex jiġu eżentati l-operaturi tal-inġenji tal-ajru li huma responsabbli għal għadd baxx ħafna ta' vjaġġi li jitilqu minn ajruporti li jinsabu fit-territorju tal-UE.

- (16) Jenħtieġ li jiġu promossi l-iżvilupp u l-użu ta' fjuwils tal-avjazzjoni sostenibbli b'potenzjal kbir ta' sostenibbiltà, maturità kummerċjali u potenzjal kbir ta' innovazzjoni u tkabbir biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet futuri. Dan jenħtieġ li jappoġġa l-ħolqien ta' swieq tal-fjuwils innovattivi u kompetittivi u jiżgura provvista suffiċjenti ta' fjuwils tal-avjazzjoni sostenibbli għall-avjazzjoni fuq terminu qasir u twil biex jikkontribwixxi għall-ambizzjonijiet tad-dekarbonizzazzjoni tat-trasport tal-Unjoni, filwaqt li jsaħħaħ l-isforzi tal-Unjoni lejn livell għoli ta' protezzjoni ambjentali. Għal dan il-għan, il-fjuwils tal-avjazzjoni sostenibbli prodotti mill-materja prima elenkata fil-Partijiet A u B tal-Anness IX tad-Direttiva (UE) 2018/2001, kif ukoll il-fjuwils tal-avjazzjoni sintetiċi jenħtieġ li jkunu eliġibbli. B'mod partikolari, il-fjuwils tal-avjazzjoni sostenibbli prodotti mill-materja prima elenkata fil-Parti B tal-Anness IX tad-Direttiva (UE) 2018/2001 huma essenzjali, peress li bħalissa dawn huma l-aktar teknoloġija kummerċjalment matura għad-dekarbonizzazzjoni tat-trasport bl-ajru diġà fuq terminu qasir.
- (17) Minħabba raġunijiet ta' sostenibbiltà, il-fjuwils ibbażati fuq l-għelejjel tal-għalf u tal-ikel jenħtieġ li ma jkunux eliġibbli. B'mod partikolari, il-bidla indiretta fl-użu tal-art isseħħ meta l-kultivazzjoni tal-għelejjel għall-bijofjuwils tieħu post il-produzzjoni tradizzjonali tal-għelejjel għal skopijiet ta' ikel u għalf. Tali domanda addizzjonali żżid il-pressjoni fuq l-art u tista' twassal għall-estensjoni tal-art agrikola f'żoni b'ħażna kbira ta' karbonju, bħal foresti, artijiet mistaġħdra u torbiera, filwaqt li toħloq emissjonijiet addizzjonali ta' gassijiet serra u tħassib dwar it-telfien tal-bijodiversità. Ir-riċerka wriet li l-iskala tal-effett tiddependi minn varjetà ta' fatturi, inklużi t-tip ta' materja prima użata għall-produzzjoni tal-fjuwil, il-livell ta' domanda addizzjonali għall-materja prima kkawżata mill-użu tal-bijofjuwils u sa liema punt l-art b'ħażna kbira ta' karbonju hija protetta madwar id-dinja. L-akbar riskji ta' tibdil indirett fl-użu tal-art ġew identifikati għall-bijofjuwils prodotti minn materja prima li għalihom ġiet osservata espansjoni sinifikanti taż-żona tal-produzzjoni f'art b'ħażna kbira ta' karbonju. Għaldaqstant, il-fjuwils ibbażati fuq l-għelejjel tal-għalf u tal-ikel jenħtieġ li ma jiġux promossi. Dan l-approċċ huwa konformi mal-politika tal-Unjoni u b'mod partikolari mad-Direttiva (UE) 2018/2001 li tillimita u tistabbilixxi limitu massimu fuq l-użu ta' tali bijofjuwils fit-trasport bit-triq u bil-ferrovija, meta jiġu kkunsidrati l-benefiċċji ambjentali aktar baxxi tagħhom, prestazzjoni aktar baxxa f'termini ta' potenzjal ta' tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra u tħassib usa' dwar is-sostenibbiltà. Minbarra l-emissjonijiet ta' gassijiet serra marbuta mat-tibdil indirett fl-użu tal-art – li huwa kapaċi jċaħħad parti mit-tnaqqis jew it-tnaqqis kollu tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra ta' bijofjuwils individwali – it-tibdil indirett fl-użu tal-art joħloq riskji wkoll għall-bijodiversità. Dan ir-riskju huwa partikolarment serju b'rabta ma' espansjoni potenzjalment kbira tal-produzzjoni ddeterminata minn żieda sinifikanti fid-domanda. Is-settur tal-avjazzjoni bħalissa għandu livelli insinifikanti ta' domanda għall-bijofjuwils ibbażati fuq l-għelejjel tal-ikel u tal-għalf, peress li aktar minn 99 % tal-fjuwils tal-avjazzjoni użati bħalissa huma ta' oriġini fossili. Għalhekk huwa xieraq li jiġi evitat il-ħolqien ta' domanda potenzjalment kbira ta' bijofjuwils

ibbażati fuq l-għelejjel tal-ikel u tal-għalf billi jiġi promoss l-użu tagħhom skont dan ir-Regolament. In-nuqqas ta' eliġibbiltà tal-bijofjuwils ibbażati fuq l-għelejjel skont dan ir-Regolament jimminimizza wkoll kwalunkwe riskju li jitnaqqas ir-ritmu tad-dekarbonizzazzjoni tat-trasport bit-triq, li altrimenti jista' jirriżulta minn bidla ta' bijofjuwils ibbażati fuq l-għelejjel mit-triq għas-settur tal-avjazzjoni. Huwa essenzjali li tiġi minimizzata bidla bħal din, peress li t-trasport bit-triq bħalissa għadu bil-bosta l-aktar settur tat-trasport li jniġġes.

- (18) Huwa meħtieġ qafas ta' sostenibbiltà uniku, ċar u sod biex tiġi pprovduta ċertezza għall-atturi tal-industrija tal-avjazzjoni u tal-fjuwils, dwar l-eliġibbiltà ta' fjuwils tal-avjazzjoni sostenibbli skont dan ir-Regolament. Sabiex tiġi żgurata l-konsistenza ma' politiki relatati oħrajn tal-UE, l-eliġibbiltà ta' fjuwils tal-avjazzjoni sostenibbli jenħtieġ li tiġi determinata skont il-konformità mal-kriterji ta' sostenibbiltà stabbiliti fl-Artikolu 29 tad-Direttiva 2018/2001¹².
- (19) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jkollu l-għan li jiżgura li l-operaturi tal-inġenji tal-ajru jkunu jistgħu jikkompetu abbażi ta' opportunitajiet indaqs fir-rigward tal-aċċess għal fjuwils tal-avjazzjoni sostenibbli. Sabiex tiġi evitata kwalunkwe distorsjoni fis-suq tas-servizzi tal-ajru, l-ajruporti kollha tal-Unjoni koperti minn dan ir-Regolament jenħtieġ li jiġu pprovduti b'ishma minimi uniformi ta' fjuwils tal-avjazzjoni sostenibbli. Filwaqt li s-suq huwa liberu li jforni u juża kwantitajiet akbar ta' fjuwils sostenibbli, dan ir-Regolament jenħtieġ li jiżgura li l-ishma minimi obligatorji ta' fjuwils tal-avjazzjoni sostenibbli jkunu l-istess madwar l-ajruporti kollha koperti. Dan jissostitwixxi kwalunkwe rekwiżit stabbilit direttament jew indirettament fil-livell nazzjonali jew reġjonali li jeħtieġ li l-operaturi tal-inġenji tal-ajru jew il-fornituri tal-fjuwil tal-avjazzjoni jużaw jew ifornu fjuwils tal-avjazzjoni sostenibbli b'miri differenti minn dawk stabbiliti skont dan ir-Regolament. Sabiex jinħoloq qafas legali ċar u prevedibbli u b'hekk jiġu mħeġġa l-iżvilupp u l-użu tas-suq tal-aktar teknoloġiji sostenibbli u innovattivi b'potenzjal ta' tkabbir biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet futuri tal-fjuwil, dan ir-Regolament jenħtieġ li jistabbilixxi ishma minimi li jiżdiedu gradwalment tal-fjuwils tal-avjazzjoni sintetiċi maż-żmien. L-istabbiliment ta' obbligu sekondarju ddedikat għall-fjuwils tal-avjazzjoni sintetiċi huwa meħtieġ fid-dawl tal-potenzjal sinifikanti ta' dekarbonizzazzjoni ta' tali fjuwils, u fid-dawl tal-kostijiet tal-produzzjoni stmati attwali tagħhom. Meta jiġu prodotti mill-elettriku rinnovabbli u mill-karbonju li jinqabad direttament mill-arja, il-fjuwils tal-avjazzjoni sintetiċi jistgħu jiksibu tnaqqis fl-emissjonijiet ta' 100 % meta mqabbel mal-fjuwil tal-avjazzjoni konvenzjonali. Dawn għandhom ukoll vantaġġi notevoli meta mqabbla ma' tipi oħra ta' fjuwils tal-avjazzjoni sostenibbli fir-rigward tal-effiċjenza fir-riżorsi (b'mod partikolari għall-ħtiġijiet tal-ilma) tal-proċess tal-produzzjoni. Madankollu, il-kostijiet tal-produzzjoni tal-fjuwils tal-avjazzjoni sintetiċi bħalissa huma stmati għal bejn tlieta u sitt darbiet ogħla mill-prezz tas-suq tal-fjuwil tal-avjazzjoni konvenzjonali. Għalhekk, dan ir-Regolament jenħtieġ li jistabbilixxi obbligu sekondarju ddedikat għal din it-teknoloġija. Tipi oħra ta' fjuwils sintetiċi, bħal fjuwils sintetiċi b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju li jiksibu tnaqqis kbir ta' gassijiet serra, jistgħu jiġu kkunsidrati għall-inklużjoni fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament matul ir-reviżjonijiet futuri, fejn tali fjuwils jiġu ddefiniti skont id-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli.

¹² <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:32018L2001&from=fr>

- (20) Huwa essenzjali li jiġi żgurat li l-ishma minimi ta' fjuwils tal-avjazzjoni sostenibbli jkunu jistgħu jiġu fornuti b'suċċess lis-suq tal-avjazzjoni mingħajr nuqqas ta' provvista. Għal dan il-għan, jenħtieġ li jiġi pplanat biżżejjed żmien ta' tħejjija biex l-industrija tal-fjuwils rinnovabbli tkun tista' tiżviluppa l-kapaċità tal-produzzjoni kif xieraq. Il-provvista ta' fjuwils tal-avjazzjoni sostenibbli jenħtieġ li ssir obbligatorja mill-2025. Bl-istess mod, sabiex is-suq jiġi pprovdut b'ċertezza u prevedibbiltà legali u l-investimenti jiġu xprunati b'mod durabbli lejn il-kapaċità ta' produzzjoni sostenibbli tal-fjuwils tal-avjazzjoni, it-termini ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li jkunu stabbli fuq perjodu ta' żmien twil.
- (21) Bl-introduzzjoni u ż-żieda ta' fjuwils tal-avjazzjoni sostenibbli fl-ajruporti tal-Unjoni, il-prattiki tat-tankering tal-fjuwil jistgħu jiġu aggravati bħala konsegwenza taż-żidiet fil-kostijiet tal-fjuwil tal-avjazzjoni. Il-prattiki tat-tankering tal-fjuwil ma humiex sostenibbli u jenħtieġ li jiġu evitati peress li jimminaw l-isforzi tal-Unjoni biex tnaqqas l-impatti ambjentali mit-trasport. Dawn imorru kontra l-oġettivi tad-dekarbonizzazzjoni tal-avjazzjoni peress li żieda fil-piż tal-inġenji tal-ajru żżid il-konsum tal-fjuwil u l-emissjonijiet relatati fuq titjira partikolari. Il-prattiki tat-tankering ipoġġu wkoll f'riskju l-kundizzjonijiet ekwi fl-Unjoni bejn l-operaturi tal-inġenji tal-ajru, u anke bejn l-ajruporti. Għalhekk, jenħtieġ li dan ir-Regolament jeħtieġ li l-operaturi tal-inġenji tal-ajru jagħmlu riforniment qabel ma jtilqu minn ajruport partikolari tal-Unjoni. L-ammont ta' fjuwil li jkun ġie ppumpjat qabel it-tluq minn ajruport partikolari tal-Unjoni jenħtieġ li jkun proporzjonat mal-ammont ta' fjuwil meħtieġ biex jiġu operati t-titjiriet li jtilqu minn dak l-ajruport, filwaqt li titqies il-konformità meħtieġa mar-regoli dwar is-sikurezza tal-fjuwil. Ir-rekwiżit jiżgura li l-kundizzjonijiet ugwali għall-operazzjonijiet fl-Unjoni japplikaw bl-istess mod għall-operaturi tal-Unjoni u dawk barranin, filwaqt li jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni ambjentali. Peress li r-Regolament ma jiddefinixxix sehem massimu ta' fjuwils tal-avjazzjoni sostenibbli fil-fjuwils kollha tal-avjazzjoni, il-linji tal-ajru u l-fornituri tal-fjuwil jistgħu jsegwu politiki ambjentali aktar ambizzjużi b'użu u provvista ta' fjuwils tal-avjazzjoni sostenibbli oġhla fin-network ġenerali tal-operazzjonijiet tagħhom, filwaqt li jevitaw it-tankering tal-fjuwil.
- (22) L-ajruporti koperti minn dan ir-Regolament jenħtieġ li jiżguraw li tiġi prevista l-infrastruttura kollha meħtieġa għall-kunsinna, għall-ħżin u għar-riforniment tal-avjazzjoni sostenibbli, sabiex ma jkunx hemm ostaklu fir-rigward tal-użu ta' tali fjuwil tal-avjazzjoni sostenibbli. Jekk ikun meħtieġ, l-Aġenzija jenħtieġ li tkun tista' teħtieġ lil ajruport tal-Unjoni jipprovidi informazzjoni dwar l-infrastruttura disponibbli li tippermetti distribuzzjoni u riforniment ta' fjuwil bla xkiel tal-operaturi tal-inġenji tal-ajru bi fjuwils tal-avjazzjoni sostenibbli. Ir-rwol tal-Aġenzija jenħtieġ li jippermetti lill-ajruporti u lil-linji tal-ajru jkollhom punt fokali komuni, fil-każ fejn tkun meħtieġa kjarifika teknika dwar id-disponibbiltà tal-infrastruttura tal-fjuwil.
- (23) L-operaturi tal-inġenji tal-ajru jenħtieġ li jkunu meħtieġa jirrapportaw kull sena lill-Aġenzija dwar ix-xiri tagħhom ta' fjuwil tal-avjazzjoni sostenibbli, kif ukoll dwar il-karatteristiċi ta' dan il-fjuwil. Jenħtieġ li tiġi pprovduta informazzjoni dwar il-karatteristiċi tal-fjuwils tal-avjazzjoni sostenibbli mixtrija bħal, fost l-oħrajn, in-natura u l-orijini tal-materja prima, il-perkors ta' konverżjoni u l-emissjonijiet tul iċ-ċiklu tal-ħajja.
- (24) L-operaturi tal-inġenji tal-ajru jenħtieġ li jkunu meħtieġa wkoll jirrapportaw kull sena dwar l-ippumpjar reali tagħhom tal-fjuwil tal-avjazzjoni għal kull ajruport tal-Unjoni, sabiex jagħtu prova li ma kien hemm l-ebda tankering tal-fjuwil. Jenħtieġ li r-rapporti jiġu vverifikati minn verifikaturi indipendenti u jiġu trażmessi lill-Aġenzija għall-

monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-konformità. Jenħtieġ li l-verifikaturi jiddeterminaw l-akkuratezza tal-fjuwil tal-avjazzjoni annwali meħtieġ irrapportat mill-operaturi permezz ta' għodda approvata mill-Kummissjoni.

- (25) Jenħtieġ li l-fornituri tal-fjuwil tal-avjazzjoni jkunu meħtieġa jirrapportaw kull sena fil-bażi ta' data tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 28 tad-Direttiva (UE) 2018/2001, dwar il-provvista tagħhom ta' fjuwil tal-avjazzjoni, inklużi fjuwils tal-avjazzjoni sostenibbli. L-Aġenzija jenħtieġ li tirrapporta kull sena lill-Kummissjoni dwar l-issodisfar mill-operaturi tal-inġenji tal-ajru u mill-fornituri tal-fjuwil tal-avjazzjoni tal-obbligi rispettivi tagħhom skont dan ir-Regolament. Dan huwa importanti għall-Kummissjoni biex ikollha viżibbiltà ċara fil-livell ta' konformità mar-Regolament.
- (26) Mingħajr proċeduri addizzjonali ma huwiex possibbli li jiġi ddeterminat b'mod preċiż jekk l-operaturi tal-inġenji tal-ajru fil-fatt ippumpjawx fiżikament ishma ta' fjuwils tal-avjazzjoni sostenibbli fit-tankijiet tagħhom f'ajruporti speċifiċi tal-Unjoni. Għalhekk, jenħtieġ li l-operaturi tal-inġenji tal-ajru jitħallew jirrapportaw l-użu tagħhom ta' fjuwils tal-avjazzjoni sostenibbli fuq il-bażi ta' rekords tax-xiri. L-operaturi tal-inġenji tal-ajru jenħtieġ li jkunu intitolati li jirċievu mingħand il-fornitur tal-fjuwil tal-avjazzjoni l-informazzjoni li hija meħtieġa biex jiġi rrapportat ix-xiri tal-fjuwil tal-avjazzjoni sostenibbli.
- (27) Huwa essenzjali li l-operaturi tal-inġenji tal-ajru jkunu jistgħu jitolbu l-użu ta' fjuwils tal-avjazzjoni sostenibbli fl-ambitu ta' skemi ta' gassijiet serra bħall-Iskema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet jew CORSIA, skont ir-rotta tat-titjiriet tagħhom. Madankollu, huwa essenzjali li dan ir-regolament ma jwassalx għal għadd doppju ta' tnaqqis fl-emissjonijiet. L-operaturi tal-inġenji tal-ajru jenħtieġ li jitħallew biss jitolbu benefiċċji għall-użu ta' lott identiku ta' fjuwils tal-avjazzjoni sostenibbli darba. Il-fornituri tal-fjuwil jenħtieġ li jintalbu jipprovdu mingħajr ħlas lill-operaturi tal-inġenji tal-ajru kwalunkwe informazzjoni li tappartjeni għall-proprjetajiet tal-fjuwil tal-avjazzjoni sostenibbli mibjugħ lil dak l-operatur tal-inġenji tal-ajru u li tkun rilevanti għall-finijiet ta' rapportar mill-operatur tal-inġenji tal-ajru skont dan ir-Regolament jew l-iskemi ta' gassijiet serra.
- (28) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi tas-suq intern tal-avjazzjoni u l-aderenza mal-ambizzjonijiet klimatiċi tal-Unjoni, dan ir-Regolament jenħtieġ li jintroduċi penali effettivi, proporzjonati u dissważivi fuq il-fornituri tal-fjuwil tal-avjazzjoni u l-operaturi tal-inġenji tal-ajru f'każ ta' nuqqas ta' konformità. Il-livell tal-penali jeħtieġ li jkun proporzjonat għall-ħsara ambjentali u għall-preġudizzju għall-kundizzjonijiet ekwi tas-suq intern ikkawżati min-nuqqas ta' konformità. Meta jimponu multi amministrattivi, l-awtoritajiet jenħtieġ li jqisu l-evoluzzjoni tal-prezz tal-fjuwil tal-avjazzjoni u tal-fjuwil tal-avjazzjoni sostenibbli fis-sena ta' rapportar;
- (29) Il-penali għall-fornituri li jonqsu milli jilhqqu l-miri stabbiliti f'dan ir-Regolament jenħtieġ li jiġu kkomplementati mill-obbligu li s-suq jiġi pprovdut bin-nuqqas tal-ilħuq tal-kwota fis-sena sussegwenti;
- (30) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jinkludi dispożizzjonijiet għal rapporti perjodiċi lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-evoluzzjoni tas-swieq tal-avjazzjoni u tal-fjuwils, l-effettività tal-karatteristiċi ewlenin tar-Regolament bħall-ishma minimi ta' fjuwils tal-avjazzjoni sostenibbli, il-livell ta' multi amministrattivi jew ta' żviluppi ta' politika dwar l-użu sostenibbli tal-fjuwils tal-avjazzjoni fil-livell internazzjonali. Tali elementi huma kruċjali biex jiprovdu sitwazzjoni ċara tas-suq tal-fjuwils tal-avjazzjoni sostenibbli u jenħtieġ li jitqiesu meta tiġi kkunsidrata reviżjoni tar-Regolament.

- (31) Jenħtieġ li jiġi pprovdut perjodu tranżitorju ta' ħames snin biex jippermetti ammont raġonevoli ta' żmien għall-fornituri tal-fjuwil tal-avjazzjoni, għall-ajruporti tal-Unjoni u għall-operaturi tal-inġenji tal-ajru biex jagħmlu l-investimenti teknoloġiċi u loġistiċi meħtieġa. Matul din il-fażi, il-fjuwil tal-avjazzjoni li jkun fih ishma akbar ta' fjuwil tal-avjazzjoni sostenibbli jista' jintuża biex jikkumpensa għal ishma iżgħar ta' fjuwils tal-avjazzjoni sostenibbli jew għat-tnaqqis ta' disponibbiltà ta' fjuwil tal-avjazzjoni konvenzjonali f'ajruporti oħra.
- (32) Peress li l-oġġettiv ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li jinżammu kundizzjonijiet ekwi fis-suq tat-trasport bl-ajru tal-Unjoni filwaqt li jiżdied l-użu ta' fjuwils tal-avjazzjoni sostenibbli, ma jistax jintlaħaq b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri minħabba n-natura transfruntiera tal-avjazzjoni, iżda pjuttost, minħabba l-karatteristiċi tas-suq u l-effetti tal-azzjoni, jintlaħaq aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stipulat f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħaq dak l-oġġettiv.

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli armonizzati dwar l-użu u l-provvista ta' fjuwils tal-avjazzjoni sostenibbli.

Artikolu 2

Kamp ta' applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu japplika għall-operaturi tal-inġenji tal-ajru, għall-ajruporti tal-Unjoni, u għall-fornituri tal-fjuwil tal-avjazzjoni.

Artikolu 3

Definizzjonijiet

Għall-fini ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- “ajruport tal-Unjoni” tfisser ajruport kif definit fl-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 2009/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹³, fejn il-livell ta' traffiku tal-passiġġieri kien oġhla minn miljun passiġġier jew fejn il-livell ta' traffiku tal-merkanzija kien oġhla minn 100 000 tunnellata fil-perjodu ta' rapportar, u ma jkunx jinsab f'reġjun ultraperiferiku, kif elenkat fl-Artikolu 349 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;
- “operatur tal-inġenji tal-ajru” tfisser persuna li operat mill-anqas 729 titjira ta' trasport kummerċjali bl-ajru li jitilqu minn ajruporti tal-Unjoni fil-perjodu ta'

¹³ Id-Direttiva 2009/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar l-imposti tal-ajruporti

rapportar jew, meta dik il-persuna ma tkunx tista' tiġi identifikata, is-sid tal-inġenju tal-ajru;

- “titjira ta' trasport kummerċjali bl-ajru” tfisser titjira operata bil-għan li għorr passiġġieri, merkanzija jew posta, bi ħlas jew kiri, jew titjiriet tal-avjazzjoni kummerċjali;
- “fjuwil tal-avjazzjoni” tfisser il-fjuwil manifatturat għall-użu dirett mill-inġenji tal-ajru;
- “fjuwils tal-avjazzjoni sostenibbli” (“SAF”) tfisser fjuwils tal-avjazzjoni ta' sostituzzjoni li huma jew fjuwils tal-avjazzjoni sintetiċi, bijofjuwils avanzati kif definiti fil-punt 34 tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 2 tad-Direttiva (UE) 2018/2001, jew bijofjuwils prodotti mill-materja prima elenkata fil-Parti B tal-Anness IX ta' dik id-Direttiva, li jikkonformaw mal-kriterji dwar is-sostenibbiltà u l-iffrankar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra stabbiliti fl-Artikolu 29(2) sa (7) ta' dik id-Direttiva u li huma ċertifikati f'konformità mal-Artikolu 30 ta' din id-Direttiva;
- “lott” tfisser kwantità ta' fjuwils tal-avjazzjoni sostenibbli li jistgħu jiġu identifikati b'numru u li jistgħu jiġu traċċati;
- “emissjonijiet tul iċ-ċiklu tal-ħajja” tfisser emissjonijiet ekwivalenti tad-diossidu tal-karbonju ta' fjuwils tal-avjazzjoni sostenibbli li jqisu l-emissjonijiet ekwivalenti tad-diossidu tal-karbonju tal-produzzjoni, tat-trasport, tad-distribuzzjoni u tal-użu tal-enerġija abbord, inkluż matul il-kombustjoni, ikkalkolati f'konformità mal-Artikolu 31 tad-Direttiva (UE) 2018/2001;
- “fjuwils tal-avjazzjoni sintetiċi” tfisser fjuwils li huma fjuwils rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika, kif definiti fil-punt 36 tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 2 tad-Direttiva (UE) 2018/2001, użati fl-avjazzjoni;
- “fjuwils tal-avjazzjoni konvenzjonali” tfisser fjuwils prodotti minn sorsi fossili mhux rinnovabbli ta' fjuwils idrokarburi, użati fl-avjazzjoni;
- “fornitur tal-fjuwil tal-avjazzjoni” tfisser fornitur tal-fjuwil kif definit fil-punt 38 tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 2 tad-Direttiva (UE) 2018/2001, li jforni fjuwil tal-avjazzjoni f'ajruport tal-Unjoni;
- “sena ta' rapportar” tfisser perjodu ta' sena li fih ir-rapporti msemmija fl-Artikoli 7 u 9 għandhom jiġu ppreżentati għal perjodu li jibda mill-1 ta' Jannar u li jintemm fil-31 ta' Diċembru;
- “perjodu ta' rapportar” tfisser perjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru tas-sena ta' qabel is-sena ta' rapportar;
- “fjuwil tal-avjazzjoni annwali meħtieġ” tfisser l-ammont ta' fjuwil tal-avjazzjoni meħtieġ biex operatur tal-inġenji tal-ajru jopera t-titjiriet ta' trasport kummerċjali bl-ajru kollha, li jitolqu minn ajruport partikolari tal-Unjoni, matul perjodu ta' rapportar;
- “kwantità annwali mhux ippumpjata fit-tank” tfisser id-differenza bejn il-fjuwil tal-avjazzjoni annwali meħtieġ u l-fjuwil attwali ppumpjat minn operatur tal-inġenji tal-ajru qabel it-titjiriet li jitolqu minn ajruport partikolari tal-Unjoni, matul perjodu ta' rapportar;
- “kwantità totali annwali mhux ippumpjata fit-tank” tfisser is-somma tal-kwantitajiet annwali mhux ippumpjati fit-tank minn operatur tal-inġenji tal-ajru fl-ajruporti kollha tal-Unjoni matul perjodu ta' rapportar;

- “skema ta’ gassijiet serra” tfisser skema li tagħti benefiċċji lill-operaturi tal-inġenji tal-ajru għall-użu ta’ fjuwils tal-avjazzjoni sostenibbli.

Artikolu 4

Sehem ta’ fjuwil tal-avjazzjoni sostenibbli disponibbli fl-ajruporti tal-Unjoni

Il-fornituri tal-fjuwil tal-avjazzjoni għandhom jiżguraw li l-fjuwil tal-avjazzjoni kollu li jsir disponibbli għall-operaturi tal-inġenji tal-ajru f’kull ajruport tal-Unjoni jkun fih sehem minimu ta’ fjuwil tal-avjazzjoni sostenibbli, inkluż sehem minimu ta’ fjuwil tal-avjazzjoni sintetiku f’konformità mal-valuri u d-dati tal-applikazzjoni stabbiliti fl-Anness I.

Mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tal-Artikolu 11(3) u (4), meta fornitur tal-fjuwil tal-avjazzjoni jonqos milli jforni l-ishma minimi stabbiliti fl-Anness I għal perjodu ta’ rapportar partikolari, huwa għandu tal-inqas jikkomplementa dak in-nuqqas fil-perjodu ta’ rapportar sussegwenti.

Artikolu 5

Obbligu ta’ riforniment għall-operaturi tal-inġenji tal-ajru

Il-kwantità annwali ta’ fjuwil tal-avjazzjoni ppumpjat minn operatur ta’ inġenji tal-ajru partikolari f’ajruport partikolari tal-Unjoni għandha tkun mill-inqas 90 % tal-fjuwil tal-avjazzjoni annwali meħtieġ.

Artikolu 6

Obbligi tal-ajruporti tal-Unjoni li jipprovdu l-infrastruttura

L-ajruporti tal-Unjoni għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jiġi ffaċilitat l-aċċess tal-operaturi tal-inġenji tal-ajru għall-fjuwils tal-avjazzjoni li jkun fihom ishma ta’ fjuwils tal-avjazzjoni sostenibbli f’konformità mal-Anness I u, għandhom jipprovdu l-infrastruttura meħtieġa għall-kunsinna, għall-ħżin u għall-ippumpjar tat-tali fjuwils.

Meta l-operaturi tal-inġenji tal-ajru jirrapportaw diffikultajiet lill-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea (“l-Aġenzija”) fl-aċċess għall-fjuwils tal-avjazzjoni li jkun fihom fjuwils tal-avjazzjoni sostenibbli f’ajruport partikolari tal-Unjoni għal nuqqas ta’ infrastruttura adegwata tal-ajruport, l-Aġenzija tista’ titlob lill-ajruport tal-Unjoni jipprovdi l-informazzjoni meħtieġa sabiex tingħata prova tal-konformità mal-paragrafu 1. L-ajruport tal-Unjoni kkonċernat għandu jipprovdi l-informazzjoni mingħajr dewmien żejjed.

L-Aġenzija għandha tivvaluta l-informazzjoni li tirċievi u tinforma lill-Kummissjoni jekk tali informazzjoni tippermetti li jiġi konkluż li l-ajruport tal-Unjoni ma jissodisfax l-obbligi tiegħu. L-ajruporti tal-Unjoni għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jidentifikaw u jindirizzaw in-nuqqas ta’ infrastruttura adegwata tal-ajruport fi żmien ħames snin wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament jew wara s-sena meta jaqbzū wieħed mil-limiti fl-Artikolu 3(a).

Artikolu 7

Obbligi ta’ rapportar għall-operaturi tal-inġenji tal-ajru

Sal-31 ta’ Marzu ta’ kull sena ta’ rapportar, l-operaturi tal-inġenji tal-ajru għandhom jirrapportaw l-informazzjoni li ġejja lill-Aġenzija:

- (a) L-ammont totali ta’ fjuwil tal-avjazzjoni ppumpjat f’kull ajruport tal-Unjoni, espress f’tunnellati;

- (b) Il-fjuwil tal-avjazzjoni annwali meħtieġ, għal kull ajruport tal-Unjoni, espress f'tunnellati;
- (c) Il-kwantità annwali mhux ippumpjata fit-tank, għal kull ajruport tal-Unjoni. Jekk il-kwantità annwali mhux ippumpjata fit-tank tkun negattiva jew jekk tkun inqas minn 10 % tal-fjuwil tal-avjazzjoni annwali meħtieġ, il-kwantità annwali rrapportata mhux ippumpjata fit-tank għandha tiġi rrapportata bħala 0;
- (d) L-ammont totali ta' fjuwil tal-avjazzjoni sostenibbli mixtri mill-fornituri tal-fjuwil tal-avjazzjoni, għall-fini tal-operat tat-titjiriet tagħhom li jitilqu minn ajruporti tal-Unjoni, espress f'tunnellati.
- (e) Għal kull xirja ta' fjuwil tal-avjazzjoni sostenibbli, l-isem tal-fornitur tal-fjuwil tal-avjazzjoni, l-ammont mixtri espress f'tunnellati, it-teknoloġija ta' konverżjoni, il-karatteristiċi u l-oriġini tal-materja prima użata għall-produzzjoni, u l-emissjonijiet tul iċ-ċiklu tal-ħajja tal-fjuwil tal-avjazzjoni sostenibbli. Meta xirja waħda tinkludi fjuwils tal-avjazzjoni sostenibbli b'karatteristiċi differenti, ir-rapport għandu jipprovdi din l-informazzjoni għal kull tip ta' fjuwil tal-avjazzjoni sostenibbli.

Ir-rapport għandu jiġi ppreżentat f'konformità mal-mudell stabbilit fl-Anness II.

Ir-rapport għandu jiġi vverifikat minn verifikatur indipendenti f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 14 u 15 tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁴, u fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2067¹⁵.

Artikolu 8

Operatur tal-inġenji tal-ajru li jiddikjara l-użu ta' fjuwils tal-avjazzjoni sostenibbli

L-operaturi tal-inġenji tal-ajru ma għandhomx jitolbu benefiċċji għall-użu ta' lott identiku ta' fjuwils tal-avjazzjoni sostenibbli taħt aktar minn skema waħda ta' gassijiet serra. Flimkien mar-rapport imsemmi fl-Artikolu 7, l-operaturi tal-inġenji tal-ajru għandhom jipprovdu lill-Aġenzija bi:

- (a) Dikjarazzjoni tal-iskemi ta' gassijiet serra li jipparteċipaw fihom u li fihom jista' jiġi rrapportat l-użu ta' fjuwils tal-avjazzjoni sostenibbli;
- (b) Dikjarazzjoni li ma rrapportawx lottijiet identiċi ta' fjuwils tal-avjazzjoni sostenibbli taħt aktar minn skema waħda.

Għall-finijiet tar-rapportar tal-użu sostenibbli ta' fjuwils tal-avjazzjoni skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 7 ta' dan ir-Regolament, jew skont skema ta' gassijiet serra, il-fornituri ta' fjuwils tal-avjazzjoni għandhom jipprovdu lill-operaturi tal-inġenji tal-ajru bl-informazzjoni rilevanti mingħajr ħlas.

Artikolu 9

Obbligi ta' rapportar għall-fornituri tal-fjuwil

¹⁴ Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Unjoni

¹⁵ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2067 tad-19 ta' Diċembru 2018 dwar il-verifika tad-*data* u l-akkreditament tal-verifikaturi skont id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 334, 31.12.2018, p. 94).

Sal-31 ta' Marzu ta' kull sena ta' rapportar, il-fornituri tal-fjuwil tal-avjazzjoni għandhom jirrapportaw fil-Bażi ta' Data tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 28 tad-Direttiva (UE) 2018/2001, l-informazzjoni li ġejja relatata mal-perjodu ta' rapportar:

- (a) Il-volum ta' fjuwil tal-avjazzjoni fornut f'kull ajruport tal-Unjoni;
- (b) Il-volum ta' fjuwil tal-avjazzjoni sostenibbli fornut f'kull ajruport tal-Unjoni, u għal kull tip ta' fjuwil tal-avjazzjoni sostenibbli, kif dettaljat fil-punt c);
- (c) L-emissjonijiet tul iċ-ċiklu tal-ħajja, l-oriġini tal-proċess tal-materja prima u tal-konverżjoni ta' kull tip ta' fjuwil tal-avjazzjoni sostenibbli fornut fl-ajruporti tal-Unjoni.

L-Aġenzija għandu jkollha aċċess għall-bażi tad-data tal-Unjoni u għandha tuża l-informazzjoni li tinsab fil-bażi tad-data tal-Unjoni, ladarba l-informazzjoni tkun ġiet ivverifikata fil-livell tal-Istati Membri skont l-Artikolu 28 tad-Direttiva (UE) 2018/2001.

Artikolu 10

Awtorità kompetenti

- (1) L-Istati Membri għandhom jaħtru l-awtorità jew l-awtoritajiet kompetenti responsabbli għall-infurzar tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u għall-impożizzjoni ta' multi għall-operaturi tal-inġenji tal-ajru, għall-ajruporti tal-Unjoni u għall-fornituri tal-fjuwil. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni bihom.
- (2) L-Aġenzija għandha tibgħat id-data li tirċievi skont l-Artikoli 7 u 9 lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri. L-Aġenzija għandha tibgħat ukoll lill-awtoritajiet kompetenti d-data aggregata għall-operaturi tal-inġenji tal-ajru u għall-fornituri tal-fjuwils tal-avjazzjoni li għalihom l-awtoritajiet huma kompetenti skont il-paragrafi 3, 4 u 5.
- (3) L-awtoritajiet kompetenti fir-rigward ta' operatur ta' inġenji tal-ajru għandhom jiġu ddeterminati skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 748/2009¹⁶.
- (4) L-awtoritajiet kompetenti fir-rigward tal-ajruporti tal-Unjoni għandhom jiġu ddeterminati abbażi tal-ġurisdizzjoni territorjali rispettiva.
- (5) L-awtoritajiet kompetenti fir-rigward tal-fornituri tal-fjuwil tal-avjazzjoni għandhom jiġu ddeterminati skont l-Istat Membru ta' stabbiliment tagħhom.

Artikolu 11

Infurzar

- (1) L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar penali applikabbli għal ksur ta' dispożizzjonijiet adottati skont dan ir-Regolament u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jiżguraw li jiġu implimentati. Il-penali previsti jridu jkunu effettivi, proporzjonati u dissuażivi. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw dawn id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2023 u għandhom jinnotifikawha wkoll, mingħajr dewmien, b'kull emenda li taffettwawhom.

¹⁶ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 748/2009 tal-5 ta' Awwissu 2009 dwar il-lista ta' operaturi ta' inġenji tal-ajru li wettqu attività ta' avjazzjoni elenkata fl-Anness I għad-Direttiva 2003/87/KE

- (2) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kwalunkwe operatur ta' inġenji tal-ajru li jonqos milli jikkonforma mal-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 5 ikun responsabbli għal multa amministrattiva. Dik il-multa għandha tkun mill-inqas id-doppju tal-multiplikazzjoni tal-prezz medju annwali tal-fjuwil tal-avjazzjoni għal kull tunnellata u tal-kwantità annwali totali mhux ippumpjata fit-tank;
- (3) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kwalunkwe fornitur tal-fjuwil tal-avjazzjoni li jonqos milli jikkonforma mal-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 4 fir-rigward tas-sehem minimu ta' fjuwils tal-avjazzjoni sostenibbli jkun soġġett għal multa amministrattiva. Dik il-multa għandha tkun mill-inqas id-doppju tal-multiplikazzjoni tad-differenza bejn il-prezz medju annwali tal-fjuwil tal-avjazzjoni sostenibbli u tal-fjuwil tal-avjazzjoni konvenzjonali għal kull tunnellata u tal-kwantità ta' fjuwils tal-avjazzjoni li ma jikkonformawx mas-sehem minimu msemmi fl-Artikolu 4 u fl-Anness I;
- (4) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kwalunkwe fornitur tal-fjuwil tal-avjazzjoni li jonqos milli jikkonforma mal-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 4 fir-rigward tas-sehem minimu ta' fjuwils tal-avjazzjoni sintetiċi jkun soġġett għal multa amministrattiva. Dik il-multa għandha tkun mill-inqas id-doppju tal-multiplikazzjoni tad-differenza bejn il-prezz medju annwali tal-fjuwil tal-avjazzjoni sintetiku u tal-fjuwil tal-avjazzjoni konvenzjonali għal kull tunnellata u tal-kwantità tal-fjuwil tal-avjazzjoni li ma jikkonformax mas-sehem minimu msemmi fl-Artikolu 4 u l-Anness I;
- (5) Fid-deċiżjoni li timponi l-multi amministrattivi msemmija fil-paragrafi 3 u 4, l-awtorità kompetenti għandha tispjega l-metodoloġija applikata għad-determinazzjoni tal-prezz tal-fjuwil tal-avjazzjoni, tal-fjuwil tal-avjazzjoni sostenibbli u tal-fjuwil tal-avjazzjoni sintetiku fis-suq tal-Unjoni, abbażi ta' kriterji verifikabbli u oġġettivi;
- (6) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kwalunkwe fornitur tal-fjuwil tal-avjazzjoni li kien soġġett għal nuqqas mill-obbligu stabbilit fl-Artikolu 4 fir-rigward tas-sehem minimu ta' fjuwils tal-avjazzjoni sostenibbli jew ta' fjuwils sintetiċi f'perjodu ta' rapportar partikolari, għandu jforni lis-suq fil-perjodu ta' rapportar sussegwenti bi kwantità ta' dak il-fjuwil rispettiv ugwali għal dak in-nuqqas, minbarra l-obbligu tiegħu tal-perjodu ta' rapportar. L-issodisfar ta' dan l-obbligu ma għandux jeżonera lill-fornitur tal-fjuwil mill-obbligu li jħallas il-penali stabbiliti fil-paragrafi 3 u 4 ta' dan l-Artikolu;
- (7) L-Istati Membri għandu jkollhom il-qafas legali u amministrattivi meħtieġ stabbilit fil-livell nazzjonali biex jiżguraw l-issodisfar tal-obbligi u l-ġbir tal-multi amministrattivi. L-Istati Membri għandhom jittrasferixxu l-ammont miġbur permezz ta' dawk il-multi amministrattivi bħala kontribuzzjoni għall-Faċilità ta' Investiment għal Tranżizzjoni Ekoloġika tal-InvestEU, bħala żieda għall-garanzija tal-UE.

Artikolu 12

Ġbir u pubblikazzjoni tad-data

Kull sena, l-Aġenzija għandha tippubblika rapport tekniku abbażi tar-rapporti annwali msemmija fl-Artikoli 7 u 9. Dak ir-rapport għandu jkun fih mill-inqas l-informazzjoni li ġejja:

- (a) L-ammont ta' fjuwil tal-avjazzjoni sostenibbli mixtri mill-operaturi tal-inġenji tal-ajru fil-livell tal-Unjoni b'mod aggregat, għall-użu fuq titjiriet li jtilqu minn ajruport tal-Unjoni, u mill-ajruport tal-Unjoni;

- (b) L-ammont ta' fjuwil tal-avjazzjoni sostenibbli u ta' fjuwil tal-avjazzjoni sintetiku fornut fil-livell tal-Unjoni b'mod aggregat u skont l-ajruport tal-Unjoni;
- (c) L-istat tas-suq, inkluż informazzjoni dwar il-prezzijiet, u x-xejriet fil-produzzjoni u l-użu sostenibbli tal-fjuwil tal-avjazzjoni fl-Unjoni;
- (d) L-istatus tal-konformità tal-ajruporti rigward l-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 6;
- (e) L-istatus ta' konformità ta' kull operatur tal-inġenji tal-ajru u fornitur tal-fjuwil tal-avjazzjoni li jkollhom obbligu skont dan ir-Regolament fil-perjodu ta' rapportar;
- (f) L-oriġini u l-karatteristiċi tal-fjuwils tal-avjazzjoni sostenibbli kollha mixtrija mill-operaturi tal-inġenji tal-ajru għall-użu fuq titjiriet li jtilqu minn ajruporti tal-Unjoni.

Artikolu 13

Perjodu tranżitorju

B'deroga mill-Artikolu 4, mill-1 ta' Jannar 2025 sal-31 ta' Diċembru 2029, għal kull perjodu ta' rapportar, fornitur tal-fjuwil tal-avjazzjoni jista' jforni s-sehem minimu ta' fjuwil tal-avjazzjoni sostenibbli ddefinit fl-Anness I bħala medja ponderata fuq il-fjuwil tal-avjazzjoni kollu li jkun forna fl-ajruporti tal-Unjoni għal dak il-perjodu ta' rapportar.

Artikolu 14

Rapporti u Rieżami

Sal-1 ta' Jannar 2028 u kull ħames snin wara dan, is-servizzi tal-Kummissjoni għandhom jippreżentaw rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, dwar l-evoluzzjoni tas-suq tal-fjuwils tal-avjazzjoni u l-impatt tiegħu fuq is-suq intern tal-avjazzjoni tal-Unjoni, inkluż fir-rigward tal-estensjoni possibbli tal-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għal sorsi oħra tal-enerġija, u tipi oħra ta' fjuwils sintetiċi ddefiniti skont id-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli, ir-reviżjoni possibbli tal-ishma minimi fl-Artikolu 4 u fl-Anness I, u l-livell ta' multi amministrattivi. Ir-rapport għandu jinkludi informazzjoni, fejn ikun disponibbli, dwar l-iżvilupp ta' qafas ta' politika potenzjali għall-użu ta' fjuwils tal-avjazzjoni sostenibbli fil-livell tal-ICAO. Ir-rapport għandu jinforma wkoll dwar l-avvanzi teknoloġiċi fil-qasam tar-riċerka u l-innovazzjoni fl-industrija tal-avjazzjoni li huma rilevanti għall-fjuwils tal-avjazzjoni sostenibbli, inkluż fir-rigward tat-tnaqqis tal-emissjonijiet li ma humiex tas-CO₂. Ir-rapport jista' jikkunsidra jekk dan ir-Regolament jenħtiġx li jiġi emendat u, għażliet għal emendi, fejn ikun xieraq, f'konformità ma' qafas ta' politika potenzjali dwar l-adozzjoni ta' fjuwils tal-avjazzjoni sostenibbli fil-livell tal-ICAO.

Artikolu 15

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2023.

Madankollu, l-Artikoli 4 u 5 għandhom japplikaw mill-1 ta' Jannar 2025 u l-Artikoli 7 u 9 għandhom japplikaw mill-1 ta' April 2024 għall-perjodu ta' rapportar tas-sena 2023.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Parlament Ewropew
Il-President*

*Għall-Kunsill
Il-President*

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA “AĠENZIJI”

Werrej

1.	KUNTEST TAL-PROPOSTA.....	1
•	Raġunijiet u objettivi tal-proposta.....	1
•	Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta’ politika.....	5
•	Konsistenza ma’ politiki oħra tal-Unjoni.....	6
2.	BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ	6
•	Bażi ġuridika	6
•	Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva).....	7
•	Proporzjonalità	7
•	Għażla tal-istrument	8
3.	RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT	9
•	Evalwazzjonijiet ex post/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti	9
•	Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati.....	9
•	Ġbir u użu tal-għarfien espert	10
•	Valutazzjoni tal-impatt.....	10
•	Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni	11
•	Drittijiet fundamentali.....	11
4.	IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI	12
5.	ELEMENTI OĦRA	12
•	Pjanijiet ta’ implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar	12
	Ir-Regolament propost jinkludi sistemi ta’ monitoraġġ, rapportar u verifika li jippermettu li jiġi żgurat li dan jiġi implimentat b’mod korrett. B’mod partikolari, l-operaturi tal-inġenji tal-ajru u l-fornituri tal-fjuwil se jkunu meħtieġa jirrapportaw fuq bażi annwali. Tali rapporti se jiġu vverifikati minn korpi indipendenti u se titwettaq valutazzjoni tal-konformità tal-operaturi tal-inġenji tal-ajru u tal-fornituri tal-fjuwil biex jiġi ddeterminat jekk ikunux issodisfaw l-obbligi rispettivi tagħhom. Barra minn hekk, fuq bażi annwali, l-EASA se tirrapporta lill-Kummissjoni b’mod partikolari dwar il-konformità tal-operaturi ekonomiċi u dwar l-istatus tas-swieq tal-avjazzjoni u tal-fjuwils tal-avjazzjoni sostenibbli. Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni se tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, tal-inqas kull ħames snin wara d-data tal-applikazzjoni ta’ dan ir-Regolament, l-evoluzzjoni tas-suq tal-fjuwils tal-avjazzjoni u l-impatt tiegħu fuq is-suq intern tal-avjazzjoni tal-Unjoni, inkluż fir-rigward tal-estensjoni possibbli tal-kamp ta’ applikazzjoni ta’ dan ir-Regolament għal sorsi oħra tal-enerġija, u dwar il-ħtieġa possibbli li jiġu aġġustati karatteristiċi speċifiċi tar-Regolament propost.	12
•	Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta	12
1.	QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA	19

1.1.	Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva	19
1.2.	Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i)	19
1.3.	Il-proposta tirrigwarda	19
1.4.	Objettiv(i).....	19
1.4.1.	Objettiv(i) ġenerali.....	19
1.4.2.	Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi	19
1.4.3.	Riżultat(i) u impatt mistennija	20
1.4.4.	Indikaturi tal-prestazzjoni	20
1.5.	Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva	20
1.5.1.	Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil inkluża kronoloġija dettaljata għat-tnedija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva	20
1.5.2.	Valur miżjud tal-involvement tal-Unjoni (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, eż. il-gwadanji mill-koordinazzjoni, iċ-ċertezza legali, effettività akbar jew il-komplementarjetajiet). Għall-finijiet ta' dan il-punt, il-“valur miżjud tal-involvement tal-Unjoni” huwa l-valur li jirriżulta mill-intervent tal-Unjoni li jkun addizzjonali għall-valur illi kieku kien jinħoloq mill-Istati Membri waħedhom.	20
1.5.3.	Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imgħoddi.....	21
1.5.4.	Kompatibbiltà mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħra.....	21
1.5.5.	Valutazzjoni tal-għażliet differenti ta' finanzjament disponibbli, inkluż l-ambitu għar-riallokazzjoni.....	21
1.6.	Durata u impatt finanzjarju tal-proposta/tal-inizjattiva.....	23
1.7.	Mod(i) ta' ġestjoni ppjanat(i).....	23
2.	MIŻURI TA' ĠESTJONI	24
2.1.	Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar	24
2.2.	Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll	24
2.2.1.	Ġustifikazzjoni tal-mod(i) ta' ġestjoni, tal-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta' pagament u tal-istrateġija ta' kontroll proposta	24
2.2.2.	Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbilita/i għall-mitigazzjoni tagħhom.....	25
2.2.3.	Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon tal-“kostijiet tal-kontroll ÷ il-valur tal-fondi relatati ġestiti”), u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' żball (mal-pagamenti u fl-għeluq)	26
2.3.	Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet	27
3.	IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA.....	27
3.1.	Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i	27
3.2.	Impatt stmat fuq in-nefqa.....	29

3.2.1.	Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa	29
3.2.2.	Impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet tal-EASA.....	31
3.2.3.	L-impatt stmat fuq ir-riżorsi umani tal-EASA.....	32
3.2.4.	Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali	36
3.2.5.	Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi.....	36
3.3.	Impatt stmat fuq id-dħul.....	37

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA “AĠENZIJI”

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva

Proposta għal Regolament dwar l-iżgurar ta' kundizzjonijiet ekwi għat-trasport sostenibbli bl-ajru

1.2. Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i)

Mobbiltà u Trasport

1.3. Il-proposta tirrigwarda

azzjoni ġdida

azzjoni ġdida b'segwitu għal proġett pilota/azzjoni preparatorja¹⁷

l-estensjoni ta' azzjoni eżistenti

fużjoni ta' azzjoni waħda jew aktar f'azzjoni oħra/ġdida

1.4. Objettiv(i)

1.4.1. Objettiv(i) ġenerali

L-objettiv ġenerali huwa li jiġu stabbiliti regoli armonizzati sabiex jinżammu kundizzjonijiet kompetittivi ekwi fis-suq intern tal-avjazzjoni tal-Unjoni, filwaqt li jiżdied l-użu ta' fjuwils tal-avjazzjoni sostenibbli mill-2025.

1.4.2. Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi

Objettiv speċifiku Nru 1

Li jiġi żgurat li l-atturi tas-suq intern tat-trasport bl-ajru jkunu jistgħu jikkompetu fuq il-bażi ta' opportunitajiet ugwali meta joperaw mill-ajruporti tal-Unjoni, fir-rigward tal-użu tal-fjuwils tal-avjazzjoni.

Objettiv speċifiku Nru 2

Li jiġi żgurat li l-linji tal-ajru jkollhom aċċess għal ishma dejjem akbar ta' fjuwils tal-avjazzjoni sostenibbli meta joperaw minn ajruporti tal-Unjoni mill-2025, filwaqt li ma jkunux soġġetti għal distorsjonijiet kompetittivi.

¹⁷ Kif imsemmi fl-Artikolu 58(2)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

1.4.3. *Riżultat(i) u impatt mistennija*

Speċifika l-effetti li l-proposta/l-inizjattiva jenħtieġ li jkollha fuq il-benefiċjarji/il-gruppi fil-mira.

Dan ir-Regolament huwa mistenni jsaħħaħ il-kundizzjonijiet ekwi fis-suq intern tal-avjazzjoni tal-UE fost l-operaturi tal-inġenji tal-ajru u l-ajruporti, inkluż ma' atturi tat-trasport bl-ajru li ma humiex fl-UE.

Dan ir-Regolament huwa mistenni jwassal għal dekarbonizzazzjoni gradwali tas-settur tat-trasport bl-ajru fl-UE, filwaqt li jżomm livelli għoljin ta' kompetittività tal-industrija u livelli għoljin ta' konnettività fi ħdanha, lejn u mill-UE.

1.4.4. *Indikaturi tal-prestazzjoni*

Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-progress u tal-kisbiet.

L-effettività tar-Regolament propost, fir-rigward tal-obiettiv speċifiku Nru 1, se tiġi determinata abbażi tal-evoluzzjoni tal-istatus tas-swieq tat-trasport bl-ajru u tal-fjuwils tal-avjazzjoni, kif ukoll tal-ammonti ta' fjuwils tal-avjazzjoni rrapportati mill-operaturi tal-inġenji tal-ajru bħala ppumpjati fl-ajruporti tal-Unjoni, u mqabbla mal-ammonti ta' fjuwil tal-avjazzjoni meħtieġa minn ajruporti bħal dawn matul perjodu ta' rapportar ta' sena, mill-2024.

L-effettività tar-Regolament propost, fir-rigward tal-obiettiv speċifiku Nru 2, se tiġi ddeterminata abbażi tal-ammonti ta' fjuwils tal-avjazzjoni sostenibbli rrapportati mill-operaturi tal-inġenji tal-ajru, kif ukoll l-ammonti ta' fjuwils tal-avjazzjoni sostenibbli rrapportati mill-fornituri tal-fjuwil tal-avjazzjoni, meta mqabbla mal-ishma minimi ddeterminati fir-Regolament propost, matul perjodu ta' rapportar ta' sena, mill-2024.

1.5. **Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva**

1.5.1. *Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil inkluża kronoloġija dettaljata għat-tnedija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva*

Mill-1 ta' Jannar 2025, l-operaturi tal-inġenji tal-ajru se jkunu meħtieġa jirrapportaw l-ammonti ta' fjuwil tal-avjazzjoni f'ajruport partikolari li jikkorrispondu għal mill-anqas 90 % tal-fjuwil tal-avjazzjoni totali tagħhom meħtieġ għal titjiriet li jitolqu minn dak l-ajruport, matul perjodu ta' rapportar ta' sena.

Mill-1 ta' Jannar 2025, il-fornituri tal-fjuwil tal-avjazzjoni se jkunu meħtieġa jiżguraw li l-fjuwil kollu tal-avjazzjoni li jkun magħmul disponibbli għall-operaturi tal-inġenji tal-ajru fl-ajruporti tal-Unjoni, ikun fih sehem minimu ta' fjuwil tal-avjazzjoni sostenibbli, inkluż sehem minimu ta' fjuwil sintetiku.

1.5.2. *Valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, eż. il-gwadanji mill-koordinazzjoni, iċ-ċertezza legali, effettività akbar jew il-komplementarjetajiet). Għall-finijiet ta' dan il-punt, il-“valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni” huwa l-valur li jirriżulta mill-intervent tal-Unjoni li jkun addizzjonali għall-valur illi kieku kien jinħoloq mill-Istati Membri waħedhom.*

Raġunijiet għall-azzjoni fil-livell Ewropew *ex ante* u *ex post*:

It-trasport bl-ajru huwa kwistjoni ta' rilevanza kbira għall-UE, peress li huwa suq integrat ħafna li jopera f' dimensjoni tan-network madwar l-UE kollha u lil hinn minnha. Id-dimensjoni transfruntiera hija inerenti għat-trasport bl-ajru, li jagħmel kwalunkwe qafas regolatorju frammentat ostaklu sinifikanti għall-atturi ekonomiċi tat-trasport bl-ajru.

Huwa meħtieġ intervent fil-livell tal-UE, peress li l-kompetittività tas-suq intern tal-avjazzjoni tal-UE kollu kemm hu ma tistax tiġi indirizzata b'mod adegwat fil-livell nazzjonali. Huwa meħtieġ intervent fil-livell tal-UE b'mod partikolari biex tiġi evitata taħlita ta' miżuri nazzjonali b'effetti mhux intenzjonati possibbli. Billi l-oġettiv tar-Regolament propost huwa li jerġa' jkun hemm kundizzjonijiet ekwi fis-suq tat-trasport bl-ajru, livelli differenti ta' obbligi għal kull Stat Membru jista' jkollhom l-effett oppost u jfixxlu aktar is-suq tal-avjazzjoni, filwaqt li jinkoraġġixxu Prattiki negattivi mill-operaturi tal-inġenji tal-ajru bħat-tankering tal-fjuwil.

Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-impożizzjoni ta' obbligu fuq il-provvista ta' fjuwils tal-avjazzjoni sostenibbli, l-azzjoni fil-livell tal-UE b'regoli armonizzati speċifiċi għall-avjazzjoni li japplikaw direttament għall-atturi tas-suq hija mistennija tkun aktar effettiva mill-miżuri nazzjonali li jistabbilixxu rekwiżiti u miri differenti.

1.5.3. *Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imġoddi*

Fil-passat, l-avjazzjoni kienet koperta b'miri ġenerali għall-enerġija rinnovabbli skont id-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli. Dan ma pproduċa l-ebda benefiċċju għas-settur tat-trasport bl-ajru, minħabba li t-trasport bl-ajru huwa suq relattivament żgħir fejn il-fjuwils huma aktar għaljin sabiex jiġu prodotti milli għal modi oħrajn ta' trasport. Għalhekk huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti regoli speċifiċi għall-avjazzjoni li permezz tagħhom l-avjazzjoni tkun soġġetta għal miri speċifiċi fir-rigward tal-użu u l-provvista tal-fjuwil. B'mod partikolari, id-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli ma kinitx tipprovdi għal dispożizzjonijiet li jiżguraw kundizzjonijiet ekwi fis-suq tat-trasport bl-ajru. B'konsegwenza ta' dan, l-Istati Membri kkunsidraw li jistabbilixxu oġettivi tal-enerġija rinnovabbli għat-trasport bl-ajru b'miri kwantitattivi u rekwiżiti ta' sostenibbiltà li jvarjaw. Dan kien joħloq taħlita ta' miżuri nazzjonali u jikkawża distorsjonijiet fis-suq tat-trasport bl-ajru, u b'hekk ipoġġi lill-operaturi tal-inġenji tal-ajru tal-UE kif ukoll lill-ajruporti tal-UE fi żvantaġġ kompetittiv mal-atturi tas-suq rispettivi li ma humiex fl-UE.

L-approċċ magħżul jitgħallem mill-esperjenza tal-passat billi jiġu stabbiliti regoli ċari u armonizzati fil-livell tal-UE, sabiex jiġu indirizzati kundizzjonijiet ekwi filwaqt li jiddied is-sehem tal-enerġija rinnovabbli fis-suq tat-trasport bl-ajru.

1.5.4. *Kompatibbiltà mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħra*

Ir-Regolament propost huwa riżultat ewlieni tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Strateġija għal Mobbiltà Sostenibbli u Intelliġenti, li tistabbilixxi kors ta' azzjoni sabiex ittejjeb il-funzjonament tas-suq intern tat-trasport tal-UE, u tistabbilixxi l-oġettiv li tingħata spinta lill-użu ta' fjuwils tal-avjazzjoni sostenibbli.

Ir-Regolament propost se joħloq sinerġiji ma' partijiet oħrajn tal-qafas regolatorju tal-UE, b'mod partikolari d-Direttiva tal-ETS tal-UE u d-Direttiva (UE) 2018/2001 dwar l-enerġija rinnovabbli.

1.5.5. *Valutazzjoni tal-għażliet differenti ta' finanzjament disponibbli, inkluż l-ambitu għar-riallokazzjoni*

Il-maġġoranza l-kbira tal-implikazzjonijiet baġitarji ta' din il-proposta huma ttrattati skont id-dikjarazzjoni finanzjarja legali tal-Proposta għal Regolament li jistabbilixxi fjuwils alternattivi għall-avjazzjoni. L-impatt baġitarju speċifiku ta' din l-inizjattiva huwa limitat għar-riżorsi meħtieġa sabiex l-EASA twettaq il-mandat addizzjonali tagħha. Fil-valutazzjoni tal-impatt

ġew ivvalutati għażliet differenti sabiex jintlaħaq l-oġġettiv ġenerali li jiġu stabbiliti regoli armonizzati sabiex jinżammu kundizzjonijiet kompetittivi ekwi fis-suq intern tal-avjazzjoni tal-Unjoni, filwaqt li jiżdied l-użu ta' fjuwils tal-avjazzjoni sostenibbli mill-2025. L-għażla ppreferuta hija l-aktar approċċ kosteffiċjenti.

1.6. Durata u impatt finanzjarju tal-proposta/tal-inizjattiva

durata limitata

- Proposta/inizjattiva fis-seħħ minn [JJ/XX]SSSS sa [JJ/XX]SSSS
- Impatt finanzjarju mill-2022 sal-2050

durata mhux limitata

- Implimentazzjoni b'perjodu ta' tnedija minn SSSS sa SSSS,
- segwita b'operazzjoni fuq skala sħiħa.

1.7. Mod(i) ta' ġestjoni ppjanat(i)¹⁸

Ġestjoni diretta mill-Kummissjoni permezz ta'

- aġenziji eżekuttivi

Ġestjoni kondiviża mal-Istati Membri

Ġestjoni indiretta billi jiġu fdati kompiti ta' implimentazzjoni baġitarja:

- lill-organizzazzjonijiet internazzjonali u lill-aġenziji tagħhom (iridu jiġu speċifikati);

- lill-BEI u lill-Fond Ewropew tal-Investment;

- lill-korpi msemmija fl-Artikoli 70 u 71;

- lill-korpi tal-liġi pubblika;

- lill-korpi rregolati mid-dritt privat b'missjoni ta' servizz pubbliku sa fejn jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;

- lill-korpi rregolati mid-dritt privat ta' Stat Membru li huma fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika-privata u li jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;

- lill-persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-PESK skont it-Titolu V tat-TUE, u identifikati fl-att bażiku rilevanti.

Kummenti

Il-ġestjoni tar-Regolament propost se ssir b'mod ġenerali mis-servizzi tal-Kummissjoni. Madankollu, ir-rapportar tal-obbligi importanti se jitwettaq mill-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea.

L-Istati Membri se jkunu meħtieġa jwettqu l-infurzar tar-Regolament billi jiddeterminaw l-ammont ta' multi amministrattivi applikati lill-operaturi ekonomiċi bi ksur tal-obbligi tagħhom skont ir-Regolament propost.

¹⁸ Id-dettalji tal-modi ta' ġestjoni u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju jinsabu fuq is-sit BudgWeb: <https://myintracomm.ec.europa.eu/budgweb/MT/man/budgmanag/Pages/budgmanag.aspx>.

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar

Speċifika l-frekwenza u l-kundizzjonijiet.

Fuq bażi annwali, sabiex ikopru s-sena ta' qabel, mill-2024, l-operaturi tal-inġenji tal-ajru se jkunu meħtieġa jirrapportaw serje ta' *data* dwar l-ippumpjar ta' fjuwil tal-avjazzjoni tagħhom fl-ajruporti tal-Unjoni, lill-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea.

Bl-istess mod, fuq bażi annwali, mill-2024 sabiex titkopra s-sena ta' qabel, il-fornituri tal-fjuwil tal-avjazzjoni se jkunu meħtieġa jirrapportaw serje ta' *data* dwar il-provvista tagħhom ta' fjuwil tal-avjazzjoni fl-ajruporti tal-Unjoni, lill-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea.

L-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea se tkun meħtieġa tipprovdi din id-*data*, aggregata fil-livell tal-UE għal kull operatur ekonomiku, lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti.

Fuq bażi annwali, mill-2025, l-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea se tkun meħtieġa tippubblika rapport tekniku li jkun fih informazzjoni dwar il-konformità tal-operaturi ekonomiċi mal-obbligi rispettivi tagħhom, dwar l-ammont ta' fjuwil tal-avjazzjoni, inkluż fjuwils tal-avjazzjoni sostenibbli ppumpjati mill-operaturi tal-inġenji tal-ajru u pprovdu mill-fornituri tal-fjuwil tal-avjazzjoni, kif ukoll informazzjoni dwar l-istatus tas-swieq tat-trasport bl-ajru u tal-fjuwils tal-avjazzjoni, u informazzjoni oħra dwar il-fjuwils tal-avjazzjoni.

Mill-anqas kull ħames snin wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament propost, il-Kummissjoni se tkun meħtieġa tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament propost. Dan ir-rapport se jipprovdi b'mod partikolari informazzjoni dwar l-istatus tas-suq intern tal-avjazzjoni tal-UE u tas-suq tal-fjuwils tal-avjazzjoni, kif ukoll żviluppi dwar il-qafas ta' politika fl-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali dwar kwistjonijiet relatati.

2.2. Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll

2.2.1. *Ġustifikazzjoni tal-mod(i) ta' ġestjoni, tal-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta' pagament u tal-istrateġija ta' kontroll proposta*

Filwaqt li l-Kummissjoni se tkun responsabbli b'mod ġenerali għall-implimentazzjoni tar-Regolament propost kif ukoll għar-rapportar lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-effiċjenza tiegħu u tipproponi reviżjonijiet fejn meħtieġ, l-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea se tkun meħtieġa twettaq rapportar u valutazzjoni tal-konformità mal-obbligi tal-operaturi ekonomiċi, u l-Istati Membri se jkunu meħtieġa jwettqu infurzar.

L-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea tinsab fl-aħjar pożizzjoni sabiex twettaq ir-rapportar u l-valutazzjoni tal-kompiti ta' konformità, minħabba li din se tkun ħidma teknika, li teħtieġ għarfien espert b'saħħtu fil-ġestjoni tad-*data*, kif ukoll fehim fil-fond ta' kwistjonijiet tekniċi kumplessi relatati mar-riforniment tal-inġenji tal-ajru (b'mod partikolari rekwiżiti ta' sikurezza) u fjuwils sostenibbli tal-avjazzjoni.

L-Istati Membri jinsabu fl-aħjar pożizzjoni sabiex iwettqu l-infurzar tar-Regolament propost, b'mod partikolari billi japplikaw multi amministrattivi f'każijiet ta' nuqqas ta' konformità

mill-operaturi tal-inġenji tal-ajru tal-fornituri tal-fjuwil tal-avjazzjoni. Dan huwa mistenni jsir b'konsistenza ma' każijiet bħad-Direttiva tal-ETS tal-UE, fejn l-Istati Membri huma responsabbli għat-twettiq tal-infurzar bl-istess mod.

2.2.2. *Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbilita/i għall-mitigazzjoni tagħhom*

Ir-riskji ewlenin ta' politika relatati mal-inizjattiva huma kif ġej:

1) Ir-riskju ta' telf tal-kompetittività tas-suq tat-trasport bl-ajru jew ta' telf tal-konnettività bl-ajru. Dan ir-riskju jista' jinħoloq jekk l-operaturi tal-inġenji tal-ajru li joperaw fl-ajruporti tal-UE jġarrbu żieda qawwija fil-kostijiet minħabba l-introduzzjoni ta' fjuwils tal-avjazzjoni sostenibbli, li jimminaw il-ħila tagħhom li joperaw u jibqgħu kompetittivi fis-suq tat-trasport bl-ajru. Dan jista' jwassal għal tnaqqis fir-rotot operati u għal telf ta' konnettività fi ħdan, lejn jew mill-UE. Riskju bħal dan għandu probabbiltà baxxa u huwa mmitigat minn bosta fatturi. L-ewwel nett, l-ishma minimi ta' fjuwil tal-avjazzjoni sostenibbli huma gradwali u baxxi fil-bidu, u jiżguraw li ż-żieda ġenerali fil-prezz tal-fjuwil tal-avjazzjoni tkun minima. It-tieni, qegħdin jiġu proposti salvagwardji sabiex jiġi żgurat li l-linji tal-ajru kollha jkollhom ippumpjar ta' fjuwil tal-avjazzjoni, u b'hekk jiġu evitati d-differenzi fit-trattament bejn l-operaturi u d-distorsjonijiet kompetittivi.

2) Ir-riskju li l-ishma minimi ta' fjuwils tal-avjazzjoni sostenibbli ma jiġux adattati għall-istatus tas-suq. Dan ir-riskju jista' jseħħ b'mod partikolari jekk l-ishma minimi ta' sostenibbiltà li għandhom jiġu forniti lis-suq tal-avjazzjoni jkun għoljin wisq, u ma jkunux jistgħu jiġu ssodisfati mill-industrija, għal raġunijiet marbuta ma' nuqqas ta' materja prima jew ma' nuqqas ta' kapaċità ta' produzzjoni. Dan ir-riskju huwa identifikat sew u mmitigat minn bosta fatturi. B'mod partikolari, l-ishma minimi ġew eżaminati mill-qrib fi ħdan il-Kummissjoni fil-kuntest tal-analiżi ekonomika tal-Pjan dwar il-Mira Klimatika għall-2030, kif ukoll matul il-konsultazzjonijiet mal-industrija, li pprovdew assigurazzjoni dwar l-adegwatezza tagħhom minħabba l-evoluzzjoni probabbli tas-suq. Jekk l-ishma minimi ma jibqgħux jintużaw, ir-Regolament propost jinkludi mekkaniżmi ta' rapportar u ta' rieżami li jippermettu l-aġġornament tal-ishma minimi f'konformità mal-evoluzzjoni tas-suq.

Minn perspettiva ta' kontroll intern, ir-riskji ewlenin huma:

3/ Nuqqas ta' data affidabbli jew suffiċjenti. Riskju bħal dan jikkomprometti l-ħila li tiġi vvalutata l-effettività tar-Regolament propost u jagħmilha diffiċli li jiġi ddeterminat liema karatteristiċi jenħtieġ li jiġu riveduti sabiex tittejjeb l-effettività tiegħu u meta jkun rilevanti. Il-mitigazzjoni tar-riskju tiegħu tirrikjedi li l-linji tal-ajru u l-fornituri tal-fjuwil jipprovdu *data* robusta u dettaljata. Il-mitigazzjoni ta' dan ir-riskju tirrikjedi li l-linji tal-ajru u l-fornituri tal-fjuwil jintalbu jibagħtu din id-*data* lill-EASA. Mitigazzjoni xierqa ta' dan ir-riskju tista' tiġi żgurata biss jekk ikun meħtieġ li l-EASA jkollha rwol ewlieni sabiex tanalizza u tipproċessa d-*data*, sabiex jiġi żgurat monitoraġġ effettiv tal-effiċjenza tar-Regolament propost. Għal dan il-għan, jeħtieġ li l-EASA tiġi pprovduta b'riżorsi adegwati sabiex tistabbilixxi u topera l-infrastruttura tal-IT meħtieġa, kif ukoll sabiex twettaq bosta attivitajiet regolari ta' bini tal-kapaċitajiet bħal workshops u seminars, tiġbor fornituri tal-fjuwil u linji tal-ajru, sabiex tinformahom u tħarriġhom dwar ir-rekwiżiti ta' rapportar.

4/ Nuqqas ta' kapaċitajiet suffiċjenti għall-ġestjoni tad-*data*. Riskju bħal dan jista' jikkomprometti l-ħila li tiġi ddeterminata l-konformità tal-operaturi ekonomiċi (eż. l-operaturi

tal-ajru jew il-fornituri tal-fjuwil) mal-obbligi tagħhom kif stabbiliti fir-Regolament propost. Dan ikollu impatt fuq l-effettività tal-għodda ta' politika u jimmina l-ħila tagħha li tilħaq l-objettivi tagħha. Dan ir-riskju jista' jiġi indirizzat kif xieraq jekk jiġu allokati r-riżorsi meħtieġa lill-EASA, b'mod partikolari r-riżorsi umani, sabiex tinġabar id-*data*, sabiex din tiġi pproċessata, u sabiex jitwettqu attivitajiet bħal workshops u seminars għall-fini tal-bini tal-kapaċitajiet dwar ir-rekwiżiti ta' rapportar mal-fornituri tal-fjuwil u mal-linji tal-ajru.

5/ Nuqqas ta' infurzar uniformi. Riskju bħal dan jista' jseħħ jekk l-infurzar mill-Istati Membri, b'mod partikolari permezz ta' multi amministrattivi, ma jkunx konsistenti jew ma jsirx b'mod uniformi. Dan jista' jimmina l-implimentazzjoni tar-Regolament propost u jkollu impatt fuq il-kundizzjonijiet ekwi fis-swieq tat-trasport bl-ajru u tal-fjuwils. Filwaqt li r-Regolament propost fih dispożizzjonijiet dettaljati dwar l-applikazzjoni ta' penali mill-Istati Membri, dan ir-riskju jista' jiġi pprovdut biss b'mod xieraq jekk l-EASA tingħata r-riżorsi xierqa sabiex ikollha d-*data* korretta għad-dispożizzjoni tagħha sabiex titlob lill-Istati Membri jwettqu infurzar tajjeb. Dan jeħtieġ riżorsi finanzjarji u umani kif imsemmi fil-punti 3 u 4 ta' hawn fuq.

2.2.3. *Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon tal-“kostijiet tal-kontroll ÷ il-valur tal-fondi relatati ġestiti”), u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' żball (mal-pagamenti u fl-għeluq)*

Skont ir-Regolament propost, se jiġi pprovdut finanzjament addizzjonali lill-EASA biss, li se tkun meħtieġa twettaq ir-rapportar u l-valutazzjoni tal-konformità mal-obbligi tal-operaturi ekonomiċi.

Il-kost tal-kontroll assoċjat mal-EASA ġie stmat bħala 0,6 % tal-pagamenti għall-2020 u dan il-proporzjon ma huwiex mistenni jinbidel wara l-adozzjoni tar-Regolament propost.

L-EASA għandha responsabbiltà sħiħa għall-implimentazzjoni tal-baġit tagħhom, filwaqt li d-DĠ MOVE huwa responsabbli għall-pagament regolari tal-kontribuzzjonijiet stabbiliti mill-Awtorità Baġitarja. L-arranġamenti ta' ħidma mal-EASA ġew iċċarati permezz ta' Memorandum ta' Qbil. Il-livell attwali ta' żball stmat huwa ta' 0 %, fir-rigward tas-sussidji baġitarji pprovduti lill-Aġenziji Deċentralizzati ssorveljati mid-DĠ MOVE.

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet

Speċifika l-miżuri ta' prevenzjoni u ta' protezzjoni eżistenti jew previsti, eż. mill-Istrateġija Kontra l-Frodi.

Ir-Regolament propost fih bosta dispożizzjonijiet immirati speċifikament lejn il-prevenzjoni tal-frodi u l-irregolaritajiet, f'konformità mal-istrateġija kontra l-frodi tad-DĠ MOVE. Jiġifieri, ir-Regolament propost jirreferi għad-dispożizzjonijiet iddedikati tad-Direttiva (UE) 2018/2001 u tad-Direttiva tal-ETS tal-UE, li jiżguraw il-ħtieġa li d-*data* sottomessa mill-operaturi ekonomiċi tiġi vverifikata minn verifikaturi indipendenti. Ir-Regolament propost fih regoli ċari u ddettaljati dwar l-infurzar legali sabiex jiġi żgurat li l-obbligi li fih ma jiġux evitati mill-operaturi ekonomiċi. Il-Kummissjoni se tiżgura li jkun hemm miżuri xierqa fis-seħħ sabiex jiġu protetti l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, *inter alia* bl-applikazzjoni ta' miżuri preventivi kontra l-frodi, il-korruzzjoni u kwalunkwe attività illegali oħra; permezz ta' kontrolli effettivi u, jekk jinstabu irregolaritajiet, frodi jew ksur tal-obbligi, permezz tal-irkupru tal-ammonti mħallsin bi żball.

B'mod partikolari, id-DĠ MOVE iżomm Strateġija Kontra l-Frodi u Pjan ta' Azzjoni speċifiċi li jelenkaw il-kontrolli speċifiċi applikati fi ħdan id-DĠ, inklużi azzjonijiet ta' sensibilizzazzjoni u taħriġ. L-istrateġija kontra l-frodi tad-DĠ MOVE hija bbażata fuq l-Istrateġija tal-Kummissjoni Kontra l-Frodi adottata fl-2019 u l-implimentazzjoni tagħha hija kkoordinata mad-DĠ OLAF u n-network intern tal-Kummissjoni kontra l-frodi.

Ir-Regolament propost se jkun fih miżuri speċifiċi oħrajn sabiex jiġu evitati u indirizzati l-frodi u l-irregolaritajiet. B'mod partikolari, ir-Regolament se jkun fih dispożizzjonijiet standard (rakkomandati mill-OLAF) dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE, sabiex jiġi żgurat li l-awditi u l-kontrolli fuq il-post ikunu jistgħu jitwettqu mis-servizzi tal-Kummissjoni, inkluż l-OLAF.

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i

- Linji baġitarji eżistenti

Skont l-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linji baġitarji.

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Linja baġitarja	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
	Numru	Diff./Mhux diff ¹⁹ .	mill-pajjiżi tal-EFTA ²⁰	mill-pajjiżi kandidati ²¹	minn pajjiżi terzi	skont it-tifsira tal-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju
	02.10.01 EASA	Diff	IVA	IVA/	IVA	LE

- Linji baġitarji ġodda mitluba

¹⁹ Diff. = Approprazzjonijiet differenzjati / Mhux diff. = Approprazzjonijiet mhux differenzjati.

²⁰ EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.

²¹ Pajjiżi kandidati u, meta applikabbli, kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.

Skont l-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linji baġitarji.

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Linja baġitarja	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
	Numru	Diff./Mhux diff.	mill-pajjiżi tal-EFTA	mill-pajjiżi kandidati	minn pajjiżi terzi	skont it-tifsira tal-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju
	[XX.YY.YY.YY]		IVA/LE	IVA/LE	IVA/LE	IVA/LE

3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa

3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa

miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Numru	Heading1A
--	-------	-----------

EASA			Sena N2022	Sena N 2023	Sena N2024- 2050)	TOTAL
Titolu 1:	Impenji	(1)	1,820	2,280	8,775	12,875
	Pagamenti	(2)	1,820	2,280	8,775	12,875
Titolu 2:	Impenji	(1a)				
	Pagamenti	(2a)				
Titolu 3:	Impenji	(3a)				
	Pagamenti	(3b)				
TOTAL tal-appropriazzjonijiet għall-EASA	Impenji	=1+1a +3a	1,820	2,280	8,775	12,875
	Pagamenti	=2+2a +3b	1,820	2,280	8,775	12,875

L-impatt baġitarju tar-riżorsi finanzjarji addizzjonali għall-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni se jkun kopert minn riallokazzjoni minn linji baġitarji oħrajn ġestiti mid-DĠ MOVE.

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	7	"Nefqa amministrattiva"
--	----------	--------------------------------

miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

		Sena N	Sena N+1	Sena N+2	Sena N+3	Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal- impatt (ara l-punt 1.6)	TOTAL
DĠ: <.....>							
• Riżorsi Umani							
• Nefqa amministrattiva oħra							
TOTAL TAD-DĠ <.....>	Approprjazzjonijiet						

TOTAL tal-approprjazzjonijiet skont l-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali	(Total ta' impenji = Total ta' pagamenti)							
--	---	--	--	--	--	--	--	--

miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

		Sena N2022 ₂₂	Sena N 2023	Sena N 2024- 2050	TOTAL
TOTAL tal-approprjazzjonijiet skont l-INTESTATURI 1 sa 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali	Impenji	1,820	2,280	8,775	12,875
	Pagamenti	1,820	2,280	8,775	12,875

²² Is-Sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/tal-inizjattiva. Issostitwixxi l-"N" bl-ewwel sena ta' implimentazzjoni prevista (pereżempju: 2021). Agħmel l-istess għas-snin ta' wara.

3.2.2. *Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet tal-EASA*

- Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' approprjazzjonijiet operazzjonali
- Il-proposta/l-inizjattiva teħtiegħ l-użu ta' approprjazzjonijiet operazzjonali, kif spjegat hawn taħt:

Approprjazzjonijiet ta' impenn f' miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

Indika l-objettivi u l-outputs			Sena N		Sena N+1		Sena N+2		Sena N+3		Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6)						TOTAL			
	OUTPUTS																			
↓	Tip ²³	Kost medju	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru totali	Kost totali
OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 1 ²⁴ ...																				
- Output																				
- Output																				
- Output																				
Subtotal tal-objettiv speċifiku Nru 1																				
OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 2 ...																				
- Output																				
Subtotal tal-objettiv speċifiku Nru 2																				
KOST TOTALI																				

²³ L-outputs huma l-prodotti u s-servizzi li jridu jiġu pprovduti (eż.: l-għadd ta' skambji ta' studenti ffinanzjati, l-għadd ta' km ta' toroq mibnija, eċċ.).

²⁴ Kif deskritt fil-punt 1.4.2. "Objettiv(i) speċifiku/speċifiki ..."

3.2.3. L-impatt stmat fuq ir-riżorsi umani tal-EASA

3.2.3.1. Sommarju

- Il-proposta/l-inizjattiva ma tehtiegħ l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva
- Il-proposta/l-inizjattiva tehtiegħ l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt:

miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

	Sena N 2022 ²⁵	Sena N 2023	Sena N 2024- 2050	TOTAL
--	------------------------------	----------------	-------------------------	-------

Aġenti temporanji (Gradi AD)	0,155	0,345	9,325	9,825
Aġenti temporanji (Gradi AST)	0,050	0,067	3,007	3,124
Aġenti kuntrattwali				
Esperti Nazzjonali Sekondati				

TOTAL	0,205	0,412	12,332	12,949
--------------	--------------	--------------	---------------	---------------

Rekwiżiti tal-persunal (FTE):

	Sena N 2022 ²⁶	Sena N2023	Sena 2024- 2050	TOTAL
--	------------------------------	---------------	-----------------------	-------

Aġenti temporanji (Gradi AD)	0,9	2	3	5,9
Aġenti temporanji (Gradi AST)	0,45	0,6	1	2,05
Aġenti kuntrattwali				
Esperti Nazzjonali Sekondati				

²⁵ Is-Sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/tal-inizjattiva. Issostitwixxi l-"N" bl-ewwel sena ta' implimentazzjoni prevista (pereżempju: 2021). Agħmel l-istess għas-snin ta' wara.

²⁶ Is-Sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/tal-inizjattiva. Issostitwixxi l-"N" bl-ewwel sena ta' implimentazzjoni prevista (pereżempju: 2021). Agħmel l-istess għas-snin ta' wara.

TOTAL	1,35	2,6	4	7,95
--------------	-------------	------------	----------	-------------

3.2.3.2. Rekwiżiti stmati ta' riżorsi umani għad-DĠ prinċipali

- Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġ l-użu ta' riżorsi umani.
- Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

Stima li trid tingħata f'ammonti sħaħ (jew l-iktar l-iktar għal pożizzjoni deċimali waħda)

	Sena N	Sena N+1	Sena N+2	Sena N+3	Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6)		
• Pożizzjonijiet fil-pjan ta' stabbiliment (uffiċjali u aġenti temporanji)							
20 01 02 01 u 20 01 02 02 (Kwartieri Ġenerali u Uffiċċji tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni)							
20 01 02 03 (Delegazzjonijiet)							
01 01 01 01 (Riċerka indiretta)							
10 01 05 01 (Riċerka diretta)							
• Persunal estern (f'unità ekwivalenti għal Full Time: FTE)²⁷							
20 02 01 (AC, END, INT mill-“pakkett globali”)							
20 02 03 (AC, AL, END, INT u JPD fid-Delegazzjonijiet)							
Linja/i baġitarja/i (speċifika) ²⁸	- fil-Kwartieri Ġenerali ²⁹						
	- fid-Delegazzjonijiet						
01 01 01 02 (AC, END, INT – Riċerka indiretta)							
10 01 05 02 (AC, END, INT – Riċerka diretta)							
Linji baġitarji oħra (speċifika)							
TOTAL							

²⁷ AC = Persunal bil-Kuntratt; AL = Persunal Lokali; END = Espert Nazzjonali Sekondar; INT = persunal tal-aġenziji; JPD = Professjonisti Subalterni f'Delegazzjonijiet.

²⁸ Sottolimitu għall-persunal estern kopert minn approprjazzjonijiet operazzjonali (li qabel kienu l-linji “BA”).

²⁹ Prinċipalment għall-Fondi tal-Politika ta' Koeżjoni tal-UE, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (FEMS).

Ir-riżorsi umani meħtieġa se jiġu koperti mill-persunal tad-DĠ li diġà jkun assenjat għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li diġà jkun ġie riassenjat fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kwalunkwe allokkazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ tal-ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokkazzjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

Deskrizzjoni tal-kompiti li jridu jitwettqu:

Uffiċjali u aġenti temporanji	
Persunal estern	

Id-deskrizzjoni tal-kalkolu tal-kost għall-unitajiet FTE jenħtieġ li tiġi inkluża fit-Taqsima 3 tal-Anness V.

3.2.4. *Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali*

- Il-proposta/l-inizjattiva hija kompatibbli mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali.
- Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ riprogrammazzjoni tal-intestatura rilevanti fil-qafas finanzjarju pluriennali.

Spjega liema riprogrammazzjoni hija meħtieġa, filwaqt li tispjefika l-linji baġitarji kkonċernati u l-ammonti korrispondenti.
mhux applikabbli

- Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-applikazzjoni tal-istrument ta' flessibbiltà jew ir-reviżjoni tal-qafas finanzjarju pluriennali³⁰.

Spjega x'inhom meħtieġ, filwaqt li tispjefika l-intestaturi u l-linji baġitarji kkonċernati u l-ammonti korrispondenti.
mhux applikabbli

3.2.5. *Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi*

- Il-proposta/l-inizjattiva ma tippredix kofinanzjament minn partijiet terzi.
- Il-proposta/l-inizjattiva tippredix l-kofinanzjament stmat hawn taħt:

miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

	Sena N	Sena N+1	Sena N+2	Sena N+3	Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6)	Total
Speċifika l-korp ta' kofinanzjament						
TOTAL tal-appropriazzjonijiet kofinanzjati						

³⁰ Ara l-Artikoli 12 u 13 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 2093/2020 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jstabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027.

3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

- Il-proposta/l-inizjattiva ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.
- Il-proposta/l-inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:
 - fuq ir-riżorsi proprji
 - fuq dħul ieħor
 - jekk jogħġbok indika, jekk id-dħul hux assenjat għal-linji tan-nefqa

miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

Linja baġitarja tad-dħul:	Approprijazzjo nijiet disponibbli għas-sena finanzjarja attwali	Impatt tal-proposta/tal-inizjattiva ³¹				
		Sena N	Sena N+1	Sena N+2	Sena N+3	Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6)
L-Artikolu						

Għad-dħul “assenjat” mixxellanju, speċifika l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i.

mhux applikabbli

Speċifika l-metodu biex jiġi kkalkolat l-impatt fuq id-dħul.

mhux applikabbli

³¹ Fir-rigward tar-riżorsi proprji tradizzjonali (id-dazji doganali, l-imposti fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati jridu jkunu ammonti netti, jiġifieri ammonti grossi wara t-tnaqqis ta' 20 % għall-kostijiet tal-ġbir.